



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 8 ta' Diċembru 2008 (12.12)  
(OR. en)**

**15980/08**

**Fajl Interistituzzjonali:  
2008/0230 (COD)**

**RECH 376  
COMPET 498**

**PROPOSTA**

---

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	4 ta' Diċembru 2008
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-partekipazzjoni mill-Komunità fi programm Ewropew ta' riċerka u żvilupp dwar il-metroloġija mwettaq minn diversi Stati Membri

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli.

Mehmuż: COM(2008) 814 finali



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 3.12.2008  
COM(2008) 814 finali

2008/0230 (COD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL  
dwar il-parteċipazzjoni mill-Komunità fi programm Ewropew ta' riċerka u żvilupp  
dwar il-metroloġija mwettaq minn diversi Stati Membri**

{SEG(2008)2948}

{SEG(2008)2949}

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

<b>1.</b>	<b>KUNTEST TAL-PROPOSTA</b>
	<p><b>1.1. Għanijiet</b></p> <p>L-għan ta' din il-proposta, ibbażata fuq l-Artikolu 169 tat-Tratt tal-KE, hija li tistabbilixxi Programm Ewropew ta' Riċerka dwar il-Metroloġija (EMRP) li jiġbor flimkien 22 programm nazzjonali ta' riċerka dwar il-metroloġija biex tittejjeb l-effiċjenza u l-effikaċja tar-riċerka pubblika dwar il-metroloġija. Għandha l-mira li tagħti kontribut biex tiġi strutturata ż-Żona Ewropea ta' Riċerka permezz ta' koordinament aħjar, biex b'hekk jiġu indirizzati sfidi komuni Ewropej, jiżdied l-impatt ta' dawn il-programmi u jitneħħew l-ostakli bejn il-programmi nazzjonali. Huma involuti l-Istati Membri jew pajjiżi assoċjati mal-Programm Kwadru 7 (FP7) li ġejjin: l-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit kif ukoll in-Norveġja, l-Iżvizzera u t-Turkija. L-Istitut għall-Materjali u l-Kejl ta' Referenza taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni Ewropea jista' jkun Assoċjat għall-programm.</p> <p>Din l-inizjattiva tħabbret fil-Programm Speċifiku Kooperazzjoni tal-FP7. L-inizjattiva tal-EMRP għandha kontribuzzjoni nazzjonali ppjanata tal-pajjiżi parteċipanti ta' EUR 200 miljun, inkluża flessibilità fil-livell nazzjonali sa 50 % tal-kontribuzzjoni nazzjonali flimkien ma' kontribuzzjoni Komunitarja prevista ta' EUR 200 miljun.</p> <p><b>1.2. Raġunijiet għall-proposta</b></p> <p>Il-metroloġija mhijiex dixxiplina li tgawdi viżibbiltà kbira, imma madankollu hija essenzjali għall-kummerċ u l-komunikazzjonijiet moderni. Ir-riċerka fil-metroloġija għandha karattru qawwi ta' <i>ġid pubbliku</i> u hija attività ewlenija ta' appoġġ għar-regolazzjoni u l-istandardizzazzjoni tal-gvernijiet. Il-qawwiet ekonomiċi prinċipali kollha fid-dinja għarfu li l-R&amp;D teknoloġika fil-metroloġija hija fundamentali għat-tkabbir ekonomiku fit-tul. Kontra dan l-isfond, l-Ewropa qiegħda tiffaċċja l-hekk imsejħa "dilemma Ewropea tal-metroloġija"; jiġifieri li jiġu allinjati b'mod permanenti l-isforzi tar-riċerka fil-metroloġija mal-ħtiġijiet tas-soċjetà li huma kemm aktar eżiġenti, aktar kumplessi u għalhekk jużaw aktar riżorsi, filwaqt li jibqgħu jinqdew il-bżonnijiet "tradizzjonali" mingħajr ebda riżorsi ġodda jew addizzjonali.</p> <p>L-approċċ deskritt hawnhekk huwa li jkabbar ir-riżorsi disponibbli u jista' jirnexxi biss jekk jikkunsidra bis-sħiħ is-sistemi nazzjonali eżistenti, jintegrahom fi programm tassew Ewropew li għandu jwassal għal bidla reali fil-pass u modernizzar tas-sistemi nazzjonali eżistenti. L-EMRP joffri mezz kif titnaqqas id-dupplikazzjoni tal-isforzi u jitqajmu ambizzjonijiet komuni permezz ta' aġendi aktar differenzjati minn pajjiż għall-ieħor.</p>
	<p><b>1.3. Kuntest ġenerali</b></p> <p>L-atturi fir-riċerka Ewropea dwar il-metroloġija jsawru komunità speċjalizzata li hija marbuta biss b'mod laxk mal-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew l-akkademja. Hija fil-</p>

	<p>biċċa l-kbira frammentata u tinkludi f'it ċentri ta' eċċellenza globali li jistgħu jibbenefikaw minn kompetizzjoni wiesgħa fuq skala internazzjonali.</p> <p>Il-potenzjal Ewropew fir-riċerka dwar il-metroloġija mhuwiex sfruttat għal kollox. Jeħtieġ li jkun hemm azzjoni konġunta bejn l-Istati Membri u l-Komunità biex jiġi pprovdut sforz ta' riċerka modern fil-metroloġija.</p>
	<p><b>1.4. Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta</b></p> <p>Għalkemm il-komunità Ewropea tar-riċerka dwar il-metroloġija għandha aċċess għal għadd ta' programmi taħt il-Programm Kwadru, attwalment ma hemm ebda skema speċifika li tindirizza l-ħtiġijiet tal-metroloġija.</p> <p>L-inizjattiva EMRP tindirizza dan in-nuqqas ta' azzjoni kkoordinata, billi toffri programm minn isfel għal fuq speċifikament imfassal biex jaqdi l-ħtiġijiet tal-metroloġija. Il-Programm Konġunt EMRP jpoġġi lill-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija (NMI) fil-pożizzjoni ta' gwida.</p>
	<p><b>1.5. Konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra tal-Unjoni</b></p> <p>L-oġġettivi ġenerali ta' politika tal-inizjattiva huma li tkabbar il-kapaċità tal-UE li twettaq l-għanijiet ta' livell għoli tal-politika tagħha u li tirrispondi għall-isfidi prinċipali li tiffaċċja għas-snin li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Li tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija riveduta ta' Liżbona.</li> <li>• B'mod partikolari li tinvesti aktar u aħjar fl-għerf għat-tkabbir u l-impjiegi.</li> <li>• Li tikkontribwixxi biex tinħoloq iż-Żona Ewropea għar-Riċerka (ERA).</li> <li>• Li tgħin biex l-Ewropa tirrispondi b'mod aktar effettiv għal sfidi tas-soċjeta importanti bħalma huma l-ħarsien ambjentali, il-kura tas-saħħa, is-sikurezza tal-ikel jew is-sigurtà pubblika.</li> </ul>
<p><b>2. KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-GĦAŻLIET</b></p>	
	<p><b>2.1. Konsultazzjoni tal-partijiet interessati</b></p>
	<p><u>Metodi ta' konsultazzjoni, setturi prinċipali fil-mira u profil ġenerali ta' dawk li wiegħbu</u></p> <p>Grupp tat-tmexxija għall-Valutazzjoni tal-Impatt iltaqa' fl-1 ta' Lulju 2008, u grupp formali bejn is-servizzi (ISG) għall-inizjattivi ġenerali twaqqaf u ltaqa' fil-31 ta' Lulju u fil-25 ta' Settembru 2008.</p> <p>a) Konsultazzjoni fuq l-internet</p> <p>Bħala parti mill-konsultazzjoni tal-partijiet interessati, il-Kummissjoni wettqet stħarriġ fuq l-internet bejn is-7 ta' Mejju u t-8 ta' Lulju 2008. B'kollox ġew irreġistrati 162 risposta għall-istħarriġ fuq l-internet, b'64% (104 risposta) iwiegħbu f'isem</p>

	<p>organizzazzjoni u 36% iwiegħbu f'kapaċità individwali. Minn dawk li wiegħbu f'isem organizzazzjoni, il-maġġoranza kienu minn organizzazzjonijiet kummerċjali b'inqas minn 250 impjegat (26%), organizzazzjonijiet kummerċjali b'iżjed minn 250 impjegat (21%) u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġhla (18%). Dawk li wiegħbu għall-istħarriġ kienu prinċipalment involuti fir-riċerka dwar il-metroloġija (54%) jew fit-teħid u l-użu tal-metroloġija (28%).</p> <p>b) Laqgħa miftuħa għall-Partijiet interessati – 25 ta' Ġunju 2008</p> <p>Minbarra l-konsultazzjoni fuq l-internet, fil-25 ta' Ġunju 2008 ġie organizzat workshop ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati. Għall-workshop attendew 32 persuna minn tmien pajjiżi differenti u organizzazzjonijiet internazzjonali differenti, flimkien ma' bosta Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija (NMI).</p>
	<p><u>Sommarju tat-twegġibiet u kif ġew ikkunsidrati</u></p> <p>Ir-risposti mogħtija waqt il-konsultazzjoni fuq l-internet u matul il-laqgħa miftuħa għall-partijiet interessati ġew ikkunsidrati fil-valutazzjoni tal-impatt u fl-elaborazzjoni tal-proposta.</p>
	<p><b>2.2. L-għażliet ta' politika u kif jipparagunaw bejniethom</b></p> <p>L-għażliet għall-azzjoni Komunitarja huma mmexxija mil-loġika u l-mekkaniżmi ta' intervent tal-FP7. Minbarra mix-xenajru tal-“ebda azzjoni”, dawn l-għażliet għalhekk jirreferu għal azzjonijiet Komunitarji indiretti jew diretti (finanzjament għar-riċerka) taħt l-FP7, li jaqblu mal-loġika eżistenti tal-interventi nazzjonali dwar il-programmi ta' riċerka fi Stati Membri differenti (MS).</p> <p>L-għażliet huma msemmija kif ġej fuq il-bażi tal-karatteristiċi prinċipali tagħhom:</p> <p>Għażla ta' Politika 1: "L-ebda azzjoni oħra mill-Komunità"; status quo, l-ebda azzjoni oħra fuq l-EMRP – tista' twassal għal approċċ intergovernattiv.</p> <p>Għażla ta' Politika 2: "Azzjoni Komunitarja indiretta minn isfel għal fuq – koordinazzjoni ħafifa"; taħt programmi u temi tal-FP7 (Kooperazzjoni – Programmi dwar Kapaċitajiet). Il-mira tkun li tintuża l-iskema ERA-NET u/jew l-iskema ERA-NET Plus iżda li kwistjonijiet iżolati jiġu indirizzati tema b'tema u fil-FP, parti tal-programmi b'parti tal-programm (l-għażla ta' “kollox bħas-soltu”).</p> <p>Għażla ta' Politika 3: "Azzjoni Komunitarja indiretta minn Fuq għal Isfel"; Terġa' tiddaħħal it-tema tal-metroloġija fil-FP – Parti taħt il-FP7 jew it-tnejn tal-FP8 u jerġa' jiddaħħal Programm Komunitarju dwar il-Metroloġija.</p> <p>Għażla ta' Politika 4: "Artikolu 169 – “L-Artikolu 169 – integrazzjoni tal-programm permezz ta' azzjoni Komunitarja indiretta”; Azzjoni Komunitarja biex titwettaq l-integrazzjoni tal-programmi tal-Istati Membri permezz tal-Artikolu 169, kif indikat fil-Programm Speċifiku Koperazzjoni tal-FP7.</p> <p>Għażla ta' Politika 5: "JRC – azzjoni diretta"; programm Ewropew wieħed ta' riċerka dwar il-metroloġija li għandu jiġi implimentat permezz tal-JRC biex ikopri l-</p>

ħtiġijiet tal-metroloġija fuq livell Ewropew.

Id-differenza bejn dawn il-ħames għażliet qiegħda fil-mod kif ikun implimentat l-intervent Komunitarju – jew bħala azzjoni indiretta jew bħala azzjoni diretta. Il-karatteristiċi prinċipali ta' kull għażla ta' politika huma diskussi fid-dettall fis-subsezzjonijiet li ġejjin.

Jekk tintgħażel l-Għażla ta' Politika 1, is-sitwazzjoni tal-lum ma tibqax stabbli minħabba n-nuqqas ta' kwalunkwe intervent politiku u/jew finanzjarju tal-Komunità (ERA-NET jew strumenti oħra ta' koordinament). Wisq probabbli tmur għall-agħar billi l-Istati Membri jinvestu inqas fil-qasam tar-riċerka dwar il-metroloġija billi ma jidherx bħala qasam ta' prijorità Ewropew. L-*istatus quo* u s-separazzjoni bejn il-programmi tal-Istati Membri ser jibqgħu; ftit ikun probabbli li l-gruppi ta' riċerka tal-pajjiżi ġodda jissieħbu ma' timijiet ta' riċerka ta' livell għoli u bl-esperjenza f'pajjiżi aktar avvanzati. L-Għażla ta' Politika 2 tkompli t-triq li nqabdet bl-ERA-NET fil-FP6 u l-ERA-NET-Plus fil-bidu tal-PF7. L-isferi tal-politika u l-oqsma ta' riċerka tal-UE (eż. l-enerġija, l-ambjent) jistgħu faċilment jiġu involuti direttament fil-koordinament mal-programmi tal-MS u l-mekkaniżmi ta' interazzjoni maħsuba tajjeb b'diversi ERA-NETs orjentati lejn il-metroloġija se jkunu ċ-ċavetta. Mhux ser ikun hemm approċċ programmatiku koerenti konġunt fuq perjodu fit-tul bħal fil-każ ta' programm ta' riċerka ġenwin Ewropew. L-Għażla ta' Politika 3 ma għandha bżonn ebda struttura istituzzjonali kbira. Din toħloq programm speċifiku ta' riċerka għall-metroloġija fejn il-komunità metroloġika u l-komunità xjentifika kollha kif ukoll l-industrija inġenerali jistgħu jikkompetu għall-finanzjamenti skont ir-regoli tal-Programm Kwadru. Din tipprovi l-oportunità li tiffoka b'mod partikolari fuq sfidi teknoloġiċi ġodda f'oqsma emerġenti, u b'hekk tikkontribwixxi għall-immodernizzar tas-settur. Din ir-rotta tixbah dik tal-għażla 2. Ma jkollha l-ebda effett fuq is-sistemi ta' riċerka nazzjonali li jeżistu fil-metroloġija u l-integrazzjoni bejn il-programmi u l-infrastrutturi nazzjonali. L-Għażla ta' Politika 4 toħloq pjattaforma għall-ipprogrammar konġunt ta' riċerka bejn l-UE u l-Istati Membri, biex b'hekk toħloq aġenda ta' riċerka koerenti b'massa kritika għal perijodu ta' żmien twil. Il-parteċipazzjoni attiva tal-Kummissjoni Ewropea tista' tiżgura enfasif fuq il-mobilità, it-trasparenza, u attenzjoni ffukata fuq l-oqsma emerġenti. It-taħlita ta' fondi tal-UE u dawk nazzjonali toħloq massa kritika li tista' tistimula bidliet strutturali tas-sistemi nazzjonali ta' riċerka fil-metroloġija. Ir-rabtiet mal-industrija mhumiex espliċiti fil-livell tal-UE u minflok jibqgħu fil-livell nazzjonali. Din l-għażla teħtieġ bidliet sostanzjali istituzzjonali li x'aktarx jieħdu ż-żmien u huma meħtieġa negozjati kumplessi mal-Istati Membri biex jiġu implimentati. L-Għażla ta' Politika 5 timplika li r-riċerka fil-metroloġija sseħħ b'mod iżolat mill-Istati Membri, mill-programmi rispettivi ta' riċerka tagħhom u l-infrastrutturi relatati u għalhekk ftit se jkollha influwenza fuq ir-ristrutturar tas-sistemi ta' riċerka nazzjonali fil-metroloġija u ma jitqisux il-bżonnijiet tal-Istati Membri. Konġestjonijiet oħra huma l-ħtiġijiet ta' reklutaġġ għall-JRC u n-nuqqas ta' kompetizzjoni fil-qasam metroloġiku, li min-natura tiegħu jeħtieġ rotot kompetittivi ta' riċerka biex jinstabu s-soluzzjonijiet li l-aktar jispiraw fiduċja.

### **2.3. Għaliex għandna nużaw l-Artikolu 169?**

L-Għażliet 1 u 5 mhumiex alternattivi vijabbli biex tkun indirizzata l-problema indikata hawn fuq u l-analiżi dettaljata kienet limitata għall-għażliet 2, 3 u 4 biex jitqabblu l-

	<p>punti favur u kontra</p> <p>Il-konklużjoni ġenerali hija li wasal iż-żmien għal inizjattiva skont l-Artikolu 169 fil-metroloġija. L-inizjattiva hija importanti kemm għall-iżvilupp u l-immodernizzar tas-sistema tar-riċerka Ewropea dwar il-metroloġija kif ukoll biex issostni lil dawk l-industriji u l-oqsma speċifiċi li jeħtieġu attivitajiet metroloġiċi dejjem aktar sofistikati.</p>
<p><b>3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA</b></p>	
	<p><b>3.1. Sommarju tal-azzjoni proposta</b></p> <p>L-EMRP se jintegra l-programmi nazzjonali ta' tnejn u għoxrin Stat parteċipanti fi programm wieħed konġunt ta' riċerka u jsostni, b'mod partikolari, il-miri tas-Sistemi Nazzjonali Ewropej tal-Kejl. L-EMRP se jaċċellera l-iżvilupp, il-validazzjoni u l-isfruttament ta' metodi, standards, proċessi, strumenti, materjali ta' referenza u għerf ġdid dwar it-tkejjil immirati sabiex jagħtu spinta lill-iżviluppi innovattivi fl-industrija u l-kummerċ, itejbu l-kwalità tad-dejta għax-xjenza, l-industrija u t-tiswir tal-politika u jsostnu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tad-direttivi u r-regolamenti.</p> <p>L-EMRP ser jilħaq dawn il-miri kif ġej:</p> <p>a) Ġbir tal-eċċellenza fir-riċerka dwar il-metroloġija - bil-ħolqien ta' proġetti kompetittivi konġunti ta' riċerka li jorganizzaw il-kapaċità għal massa kritika suffiċjenti min-netwerks tal-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija (NMI) u l-Istituti Magħżula (DI) mill-Istati parteċipanti biex jindirizzaw l-isfidi metroloġiċi prinċipali ffaċċjati f'livell Ewropew;</p> <p>b) Ftuħ tas-sistema għall-aħjar xjenza - billi tiżdied il-parteċipazzjoni mill-komunità Ewropea aktar wiesgħa tar-riċerkaturi permezz ta' għotjiet għar-riċerkaturi;</p> <p>c) Żvilupp tal-kapaċità - billi tiżdied il-kapaċità tal-komunità Ewropea tar-riċerka dwar il-metroloġija permezz ta' għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi mmirati lejn dawk il-Pajjiżi Membri tal-EURAMET<sup>1</sup> b'kapaċità ta' riċerka metroloġika limitata.</p> <p>L-EMRP sejjer jikkumplimenta programmi u attivitajiet nazzjonali li għaddejjin immirati sabiex jindirizzaw prijoritajiet purament nazzjonali.</p>
	<p><b>3.2. Bażi legali</b></p> <p>Il-proposta għall-EMRP hija bbażata fuq l-Artikolu 169 tat-Trattat KE, li jipprovdi għall-parteċipazzjoni tal-Komunità fi programmi ta' riċerka mwettqa flimkien minn diversi Stati Membri, inkluża l-parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għat-twettiq ta' dawk il-programmi. Din il-proposta tikkorrispondi għall-ġestjoni ċentralizzata indiretta, skont id-dispożizzjonijiet tal-Art.</p> <p>Din il-proposta tikkorrispondi għal ġestjoni ċentralizzata indiretta, skont id-</p>

<sup>1</sup> EURAMET e.V. hija l-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata tal-EMRP. Ġiet stabbilita fl-2007 taħt il-liġi Ġermaniża bħala assoċjazzjoni mhux bi profitt u hija l-organizzazzjoni reġjonali Ewropea dwar il-metroloġija.

	<p>dispożizzjonijiet tal-Artikolu 54(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju. Skont l-Artikolu 56 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni l-ewwel għandha tikseb evidenza tal-eżistenza u t-tħaddim korrett ta', fost l-oħrajn, il-proċeduri għall-għoti tal-għotjiet, sistema ta' kontroll interna, sistema adegwata ta' kontabilità fi ħdan l-entità li lilha tafda l-implimentazzjoni, u verifika esterna indipendenti.</p>
	<p><b>3.3. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà</b></p> <p>Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità.</p> <p>Fil-każ tal-proċess propost għal EMRP, l-azzjonijiet purament nazzjonali jew intergovernattivi mmirati lejn il-koordinament tal-R&amp;D pubbliku dwar il-metroloġija ma espandewx f'dawn l-aħħar snin u ma għandhomx iżidu riżorsi finanzjarji jew jintegraw l-EMRP fil-Programm Kwadru u fil-qafas aktar wiesa' tal-ERA. Għalhekk, l-Istati Membri mhumiex probabbli li jkunu kapaċi jindirizzaw dawn il-problemi billi jaġixxu waħedhom.</p> <p>Id-dritt li l-Komunità topera f'dan il-qasam huwa stipulat f'diversi Artikoli tat-Trattat li jipprovdu koordinazzjoni u kooperazzjoni fir-riċerka bejn l-Istati Membri u l-Komunità. L-Artikolu 165 jistipula li "il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jikkordinaw l-attivitajiet tagħhom fir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku sabiex jiżguraw li kull politika nazzjonali u dik tal-Komunità ikunu koerenti ma' xulxin". Dan jippermetti wkoll lill-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, sabiex "tieħu kull inizzjattiva utli" biex tippromwovi koordinazzjoni bħal din.</p> <p>Għal bosta snin, il-Komunità għamlet użu mid-diversi dispożizzjonijiet tat-Trattat sabiex tinkoraġġixxi koordinazzjoni u kooperazzjoni akbar bejn il-programmi ta' riċerka nazzjonali. FI-2000, il-Kunsill Ewropew ta' Liżbona kkonkluda li l-attivitajiet tar-riċerka fil-livell nazzjonali u f'dak tal-Unjoni jridu jkunu integrati u kkoordinati aħjar sabiex isiru kemm jista' jkun effiċjenti u innovattivi. FI-2006, il-Parlament Ewropew għamel enfasi fuq il-koordinament aħjar tal-programmi ta' riċerka nazzjonali u Ewropej. Fil-programm Speċifiku Kooperazzjoni tal-FP7, tħabbret inizzjattiva tal-Artikolu 169 biex jiġi implimentat programm Ewropew konġunt ta' riċerka dwar il-metroloġija permezz tan-netwerks eżistenti ta' Laboratorji Nazzjonali dwar il-Metroloġija.</p>
	<p><b>3.4. Il-prinċipju tal-proporzjonalità</b></p> <p>Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejjin.</p>
	<p>L-Artikolu 169 jistieden lill-Komunità sabiex "bi ftehim mal-Istati Membri involuti, tippovdi dwar parteċipazzjoni tagħha fi programmi ta' riċerka u żvilupp mnedija minn diversi Stati Membri, inkluż il-parteeċipazzjoni fl-istutturi maħluqa għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-programmi." F'dan l-isfond, l-Istati Membri qegħdin fuq quddiem nett u għandhom ambitu kbir għad-deċizzjonijiet nazzjonali.</p> <p>Abbażi tal-analiżi tal-Valutazzjoni tal-Impatt, il-porzjon stmat ta' finanzjament potenzjali "Ewropew" għall-proġett li jista' realistikament jinħeles minn kontroll nazzjonali dirett huwa madwar EUR 200 miljun fuq 6-7 snin, flimkien ma' baġit ta' riżerva ta' EUR 100 miljun.</p>

	Bil-Kontribuzzjoni Komunitarja proposta ta' EUR 200 miljun, l-EMRP jinbidel drastikament minn investiment RTD frammentat u purament nazzjonali fir-riċerka dwar il-metroloġija għal investiment strutturat u bbilanċjat fuq livell nazzjonali u tal-UE.
	<b>3.5. Għażla tal-istrumenti</b>
	L-istrument propost huwa kodeċiżjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li hija l-mezz biex jiġi implimentat l-Artikolu 169.
<b>4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT</b>	
	L-implikazzjonijiet baġitarji ta' din il-proposta orizzontali huma diġà msemmija fil-bażi legali tal-FP7 <sup>2</sup> kif ukoll fil-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" tal-FP7 <sup>3</sup> . Il-ftehim li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni għandu jassigura li l-interessi finanzjarji tal-Komunità jiġu mħarsa.
<b>5. TAGĦRIF ADDIZZJONALI</b>	
	<b>5.1. Simulazzjoni, fażi pilota u perjodu tranżizzjonali</b> L-azzjoni ERA-NET <i>Plus</i> isservi bħala simulazzjoni jew fażi pilota għall-proposta dwar l-EMRP. Sabiex iżżomm il-momentum u tkompli t-tnejn tal-EMRP, il-Kummissjoni identifikat din l-azzjoni tal-ERA-NET <i>Plus</i> fil-Programm ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni bħala miżura intermedja lejn il-proposta futura tal-'Artikolu 169'. Ġew allokati EUR 21 miljun għall-iMERA <i>Plus</i> fil-Programm ta' Ħidma Kooperazzjoni. Is-suċċess tas-Sejħa tal-ERA-NET <i>Plus</i> wera b'mod ċar il-kapaċità li jingħaqdu r-riżorsi nazzjonali minn 20 pajjiż, jiġu organizzati u mwettqa Sejħa u proċess tal-għażla konġunti, li wassal biex jiġu kkommissi EUR 64 miljun għal 21 proġett ta' kollaborazzjoni lejn l-aħħar tal-2007. Ir-riżultati se jservu lill-Ewropa kollha kemm hi u dan il-każ ta' prova indirizza l-kwistjonijiet kollha importanti tal-implimentazzjoni bħal pereżempju kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPR).  Mhuwiex meħtieġ perjodu tranżizzjonali ieħor għall-EMRP.
	<b>5.2. Simplifikazzjoni</b> Il-proposta ttiprovdi għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi (UE jew nazzjonali) u għal partijiet privati.
	L-UE se tieġu ħsieb direttament l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni tal-EMRP li se tkun responsabbli biex talloka, timmonitorja u tirrapporta dwar l-użu tal-kontribuzzjoni Komunitarja.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE, ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni Nru 971/2006/KE, ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86.

	<b>5.3. Klawżola ta' valutazzjoni/reviżjoni/għeluq</b>
	Il-proposta tinkludi klawżola ta' valutazzjoni.
	<b>5.4. Iż-Żona Ekonomika Ewropea</b> L-att propost jirrigwarda kwistjoni ta' relevanza għaż-ŻEE u għalhekk għandu jestendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-parteċipazzjoni mill-Komunità fi programm Ewropew ta' riċerka u żvilupp  
dwar il-metroloġija mwettaq minn diversi Stati Membri**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 169 u 172, it-tieni paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni<sup>4</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>5</sup>,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat<sup>6</sup>,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (minn hawn 'il quddiem "is-Seba' Programm Kwadru")<sup>7</sup> tipprovdi għall-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-programmi ta' riċerka u żvilupp imwettqa minn diversi Stati Membri, inkluża l-parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għat-twettiq ta' dawk il-programmi, fit-tifsira tal-Artikolu 169 tat-Trattat.
- (2) Is-Seba' Programm Kwadru ddefinixxa serje ta' kriterji għall-identifikazzjoni ta' oqsma għal inizjattivi bħal dawn skont l-Artikolu 169: ir-rilevanza għall-miri tal-Komunità, id-definizzjoni ċara tal-mira li għandha tiġi segwita u r-rilevanza tagħha għall-miri tal-Programm Kwadru, il-preżenza ta' bażi diġà eżistenti (programmi ta' riċerka nazzjonali eżistenti jew previsti), valur miżjud Ewropew, massa kritika fir-rigward tad-daqs u n-numru ta' programmi involuti u x-xebh tal-attivitajiet li jkopru, u l-effiċjenza tal-Artikolu 169 bħala l-aktar mezz adatt sabiex jintlaħqu l-miri.

---

<sup>4</sup> ĠU C , , p .

<sup>5</sup> ĠU C , , p .

<sup>6</sup> ĠU C , , p .

<sup>7</sup> ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.

- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 971/2006/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku Kooperazzjoni li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013)<sup>8</sup> (minn hawn 'il quddiem il-"Programm Speċifiku "Kooperazzjoni") tinkoraġġixxi approċċ li jħaddan diversi temi ta' suġġetti ta' riċerka rilevanti għal tema waħda jew aktar tas-Seba' Programm Kwadru, u f'dan il-kuntest identifikat inizjattiva skont l-Artikolu 169 fil-kamp tal-metroloġija bħala wieħed mill-oqsma adatti għall-parteċipazzjoni mill-Komunità fi programmi ta' riċerka nazzjonali implimentati b'mod konġunt fuq il-bażi tal-Artikolu 169 tat-Trattat.
- (4) Il-metroloġija hija qasam xjentifiku li jħaddan diversi dixxiplini li huwa komponent vitali ta' soċjetà moderna bbażata fuq l-għerf. Standards ta' kejl affidabbli u komparabbli, metodi validati xierqa ta' kejl u ttestjar isostnu l-proċessi tal-avvanz xjentifiku u l-innovazzjoni teknoloġika u għalhekk għandhom impatt sinifikanti fuq l-ekonomija u l-kwalità tal-ħajja fl-Ewropa.
- (5) Fil-preżent, numru ta' programmi jew attivitajiet ta' riċerka u żvilupp imwettqa mill-Istati Membri b'mod individwali fuq livell nazzjonali biex isostnu l-R&D fil-metroloġija mhumiex ikkoordinati b'mod suffiċjenti fil-livell Ewropew u ma jippermettux li tinġabar il-massa kritika neċessarja li hija mitluba f'oqsma strateġiċi tar-riċerka u żvilupp.
- (6) Xewqana li jkollhom approċċ koerenti fuq livell Ewropew fil-kamp tal-metroloġija u li jaġixxu b'mod effettiv, diversi Stati Membri ħadu l-inizjattiva li jwaqqfu programm konġunt ta' riċerka u żvilupp bit-titlu "Programm Ewropew ta' Riċerka dwar il-Metroloġija" (minn hawn 'il quddiem l-"EMRP") sabiex jirrispondu għat-talba dejjem tiżdied fl-Ewropa għal metroloġija progressiva, b'mod partikolari f'oqsma teknoloġiċi emerġenti, bħala għodda għall-innovazzjoni, ir-riċerka xjentifika u appoġġ għall-politika.
- (7) Fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2007-2008 tal-11 ta' Ġunju 2007 għall-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni"<sup>9</sup>, il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ finanzjarju għall-ERA-NET Plus fil-kamp tal-metroloġija sabiex tiffaċilita t-tranżizzjoni bejn il-proġett tal-ERA-NET "iMERA" u l-programm konġunt ta' riċerka u żvilupp fil-qasam tal-metroloġija li għandu jiġi implimentat fuq il-bażi tal-Artikolu 169 tat-Trattat tal-KE.
- (8) L-EMRP jfittex li jsostni l-iżvilupp u l-innovazzjoni xjentifika billi jipprovdi l-qafas legali u organizzattiv neċessarju għal kooperazzjoni Ewropea fuq skala kbira bejn l-Istati Membri dwar riċerka metroloġika fi kwalunkwe qasam teknoloġiku jew industrijali. L-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit kif ukoll in-Norveġja, l-Iżvizzera u t-Turkija (minn hawn 'il quddiem "l-Istati parteċipanti") qablu li jikkoordinaw u jimplimentaw attivitajiet konġunti mmirati sabiex jikkontribwixxu għall-EMRP. Il-valur globali tal-parteċipazzjoni tagħhom huwa stmat għal mill-anqas

<sup>8</sup> ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86.

<sup>9</sup> C(2007)2460 tal-11 ta' Ġunju 2007.

EUR 200 miljun flimkien ma' kapaċità ta' finanzjament ta' riżerva ta' EUR 100 miljun għall-perjodu propost ta' seba' snin.

- (9) Sabiex iżidu l-impatt tal-EMRP, l-Istati parteċipanti qablu ma' parteċipazzjoni Komunitarja fl-EMRP. Il-Komunità għandha tipparteċipa fih billi tipprovdri kontribuzzjoni finanzjarja li tikkorrispondi għal dik tal-Istati parteċipanti sa massimu ta' EUR 200 miljun għall-perjodu tal-EMRP. Minħabba li l-EMRP jilħaq il-miri speċifiċi tas-Seba' Programm Kwadru u li l-azzjonijiet fil-kamp tal-metroloġija huma ta' natura orizzontali u mhux marbuta direttament mal-għaxar temi, l-EMRP għandu jiġi appoġġat tul it-temi kollha rilevanti.
- (10) Jistgħu jkunu disponibbli aktar opzjonijiet ta' finanzjament, fost l-oħrajn mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), b'mod partikolari permezz tal-Faċilità Finanzjarja tal-Qsim tar-Riskju li ġiet żviluppata b'mod konġunt mal-BEI u l-Kummissjoni skont l-Anness III tal-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni".
- (11) L-appoġġ finanzjarju mill-Komunità għandu jiġi pprovdut suġġett għad-definizzjoni ta' pjan ta' finanzjament ibbażat fuq impenji formali mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jimplimentaw flimkien il-programmi u l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp imwettqa fuq livell nazzjonali u sabiex jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-eżekuzzjoni konġunta tal-EMRP.
- (12) L-implimentazzjoni konġunta tal-programmi nazzjonali ta' riċerka teħtieġ l-istabbiliment jew l-eżistenza ta' struttura ddedikata għall-implimentazzjoni, kif ipprovdut fil-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni". L-Istati parteċipanti qablu dwar struttura ta' implimentazzjoni ddedikata bħal din biex jimplimentaw l-EMRP. L-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni għandha tirċievi l-kontribuzzjoni Komunitarja u għandha tassigura t-twettiq effiċjenti tal-EMRP.
- (13) Il-kontribuzzjoni Komunitarja għandha tkun suġġetta għall-wegħdiet ta' riżorsi mill-Istati parteċipanti u l-ħlas effettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom.
- (14) Filwaqt li ċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka huwa dipartiment tal-Kummissjoni, l-istituti tiegħu għandhom kapaċitajiet ta' riċerka li huma rilevanti għall-EMRP u li għalhekk għandhom jiġu attivati fl-implimentazzjoni tiegħu. Għalhekk, huwa xieraq li l-irwol taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka jiġi ddefinit f'termini tal-eliġibilità tiegħu għall-parteċipazzjoni u għall-finanzjament u tal-involvement tiegħu fit-tmexxija tal-EMRP.
- (15) Il-ħlas tal-kontribuzzjoni Komunitarja huwa suġġett għall-konklużjoni ta' ftehim ġenerali bejn il-Kummissjoni f'isem il-Komunità Ewropea u l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni, li jinkludi l-arranġamenti dettaljati għall-użu tal-kontribuzzjoni Komunitarja. Dan il-ftehim ġenerali għandu jinkludi d-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex ikun żgurat li l-interessi finanzjarji tal-Komunità jiġu mħarsa.
- (16) L-imgħax iġġenerat mill-kontribuzzjoni Komunitarja għandu jitqies bħala dħul assenjat, skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>10</sup> (minn hawn 'il quddiem "ir-

---

<sup>10</sup> ĠU L 248, 16.09.2002, p. 1.

Regolament Finanzjarju"). Il-kontribuzzjoni Komunitarja massima indikata f'din id-deċizzjoni tista' tizzied kif meħtieġ mill-Kummissjoni.

- (17) Il-Komunità għandu jkollha d-dritt li tnaqqas, tirtira jew twaqqaf il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha jekk l-EMRP jiġi implimentat inadegwament, parzjalment jew tard, jew jekk l-Istati parteċipanti ma jikkontribwux jew jikkontribwixxu parzjalment jew tard għall-finanzjament tal-EMRP, skont it-termini stipulati fi ftehim ġenerali li għandu jiġi konkluż bejn il-Komunità u l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni.
- (18) Sabiex l-EMRP jiġi implimentat b'mod effiċjenti, l-appoġġ finanzjarju għandu jingħata lil parteċipanti fil-proġetti tal-EMRP magħżula fil-livell ċentrali taħt ir-responsabbiltà tal-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni wara sejħiet għall-proposti. Tali appoġġ finanzjarju u l-ħlas tiegħu għandhom ikunu trasparenti u effiċjenti.
- (19) L-evalwazzjoni tal-proposti għandha ssir b'mod ċentrali minn esperti indipendenti taħt ir-responsabilità tal-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni. Din l-istruttura għandha tapprova klassifikazzjoni li għandha tkun vinkolanti fir-rigward tal-allokkazzjoni ta' finanzjament mill-kontribuzzjoni Komunitarja u mill-baġits nazzjonali allokkati għal proġetti tal-EMRP.
- (20) Skont ir-Regolament Finanzjarju u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>11</sup> (minn hawn 'il quddiem ir-"Regoli Implimentattivi"), il-kontribuzzjoni Komunitarja għandha tiġi mmaniġġgata fil-qafas ta' ġestjoni ċentralizzata indiretta skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 54(2)(c) u 56 tar-Regolament Finanzjarju, u l-Artikoli 35, 38(2) u 41 tar-Regoli Implimentattivi.
- (21) Kwalunkwe Stat Membru u kwalunkwe pajjiż assoċjat mas-Seba' Programm Kwadru għandu jkollu d-dritt li jissieħeb fl-EMRP.
- (22) B'mod konformi mal-miri tas-Seba' Programm Kwadru, għandha tkun possibbli l-parteeipazzjoni ta' kwalunkwe pajjiż ieħor fl-EMRP bil-kundizzjoni li tali parteċipazzjoni tkun prevista mill-ftehim internazzjonali rilevanti u bil-kundizzjoni li kemm il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità, kif ukoll l-Istati Membri parteċipanti jaqblu magħha. Skont is-Seba' Programm Kwadru, il-Komunità għandu jkollha d-dritt li tiftiehem kundizzjonijiet marbuta mal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha għall-EMRP rigward il-parteeipazzjoni fih ta' pajjiżi oħra bħal dawn skont ir-regoli u l-kundizzjonijiet stipulati f'din id-deċizzjoni.
- (23) Għandhom jittieħdu miżuri adegwati sabiex jiġu evitati irregolaritajiet u frodi u għandhom jittieħdu l-passi neċessarji biex jiġu rkuprati l-fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati ħażin skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea<sup>12</sup>, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex

---

<sup>11</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

<sup>12</sup> ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra<sup>13</sup> u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)<sup>14</sup>.

- (24) Huwa essenzjali li l-attivitajiet ta' riċerka mwettqa taħt l-EMRP jikkonformaw mal-prinċipji etiċi bażiċi, fosthom dawk riflessi fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u jsegwu l-prinċipji tal-integrazzjoni tas-sessi u l-ugwaljanza bejn is-sessi.
- (25) Il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni proviżorja, li tivvaluta l-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-EMRP u l-progress lejn il-miri stabbiliti, kif ukoll evalwazzjoni finali.
- (26) L-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni għandha tinkoraġġixxi lill-parteċipanti fil-proġetti magħżula tal-EMRP sabiex jikkomunikaw u jxerrdu r-risultati tagħhom u jagħmlu din l-informazzjoni pubblikament disponibbli,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*  
*Kontribuzzjoni Komunitarja*

1. Il-Komunità għandha tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-"Programm Ewropew ta' Riċerka dwar il-Metroloġija" (minn hawn 'il quddiem "EMRP") imwettaq b'mod konġunt mill-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit, kif ukoll in-Norveġja, l-Iżvizzera u t-Turkija (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Istati parteċipanti").
2. Il-Komunità għandha tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja daqs dik tal-Istati parteċipanti iżda li ma taqbiżx EUR 200 miljun imħallsa mill-appropriazzjonijiet tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, għall-perjodu tas-Seba' Programm Kwadru, skont il-prinċipji stipulati fl-Anness I u l-Anness II ta' din id-deċiżjoni.
3. Il-kontribuzzjoni Komunitarja għandha titħallas b'mod konġunt mill-appropriazzjonijiet tal-baġit allokatu għat-temi kollha rilevanti tal-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru skont id-Deċiżjoni 2006/974/KE.

*Artikolu 2*  
*Kundizzjonijiet tal-kontribuzzjoni Komunitarja*

Il-kontribuzzjoni Komunitarja għandha tkun marbuta mal-kundizzjoni li:

---

<sup>13</sup> ĠU L 292, 15.11.1996, p 2.

<sup>14</sup> ĠU L 136, 31.05.1999, p. 1.

- (a) l-Istati parteċipanti juru li l-EMRP kif deskritt fl-Anness I ta' din id-deċiżjoni għe stabbilit b'mod effiċjenti;
- (b) tiġi stabbilita b'mod formali l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni b'personalità ġuridika li għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-EMRP u biex tirċievi, talloka u timmonitorja l-kontribuzzjoni Komunitarja fil-qafas ta' ġestjoni ċentralizzata indiretta skont l-Artikoli 54(2)(c) u 56 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikoli 35, 38(2) u 41 tar-Regoli Implimentattivi;
- (c) jiġi stabbilit mudell adegwat u effiċjenti ta' tmexxija għall-EMRP f'konformità mal-Anness II ta' din id-deċiżjoni;
- (d) jitwettqu b'mod effiċjenti l-attivitajiet taħt l-EMRP deskritti fl-Anness I ta' din id-deċiżjoni mill-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni, li jinvolvi t-tnedija ta' sejħiet għall-proposti;
- (e) kull Stat parteċipanti jimpenja ruħu li jikkontribwixxi l-parti tiegħu tal-finanzjament tal-EMRP, u biex iżid din il-kontribuzzjoni b'kapaċità ta' finanzjament ta' riżerva ta' 50% sabiex ilaħħaq ma' rata ta' suċċess għolja tal-parteċipanti tiegħu fil-proġetti tal-EMRP, u l-ħlas effettiv tal-kontribuzzjoni finanzjarja lill-benefiċjarji;
- (f) jiġu osservati r-regoli Komunitarji dwar l-għajjnuna mill-Istat, u b'mod partikolari l-Qafas Komunitarju għall-Għajjnuna Statali għar-Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni<sup>15</sup>;
- (g) jiġi assigurat livell għoli ta' eċċellenza xjentifika u osservanza tal-prinċipji etiċi skont il-prinċipji ġenerali tas-Seba' Programm Kwadru, u tal-integrazzjoni tas-sessi u l-ugwaljanza bejn is-sessi, u tal-iżvilupp sostenibbli;
- (h) jiġu fformulati dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jirriżultaw mill-attivitajiet imwettqa taħt l-EMRP u l-implimentazzjoni u l-koordinament tal-programmi u l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp imwettqa fil-livell nazzjonali mill-Istati parteċipanti b'tali mod li huma jfittxu li jippromwovu l-ħolqien ta' dan it-tip ta' għerf u jappoġġaw użu wiesa' u tixrid tal-għerf li jinħoloq. L-approċċ meħud għandu jsegwi l-mudell stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013)<sup>16</sup> (minn hawn 'il quddiem "ir-Regoli għall-Parteċipazzjoni fis-Seba' Programm Kwadru").

### *Artikolu 3* *Attivitajiet tal-EMRP*

1. L-attività prinċipali tal-EMRP għandha tikkonsisti fil-finanzjament ta' proġetti EMRP transnazzjonali b'diversi msieħba li jindirizzaw attivitajiet ta' riċerka, żvilupp

<sup>15</sup> ĠU C 323, 30.12.2006, p. 1.

<sup>16</sup> ĠU L 391, 30.12.2006, p.1.

teknoloġiku, taħriġ u disseminazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "proġetti EMRP"). Minħabba l-kapaċitajiet ikkonċentrati fil-metroloġija, il-parti prinċipali tal-proġetti EMRP għandha titwettaq mill-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija u l-Istituti Denominati mill-Istati parteċipanti.

4. Sabiex iżid u jiddiversifika l-kapaċitajiet fil-metroloġija, l-EMRP għandu jiffinanzja wkoll diversi skemi ta' għotjiet għar-riċerkaturi sabiex jikkumplimentaw l-proġetti EMRP.
5. Il-proġetti EMRP għandhom jintgħażlu u l-għotjiet għar-riċerkaturi għandhom jingħataw wara sejħiet għall-proposti li jirrispettaw il-prinċipji tat-trattament ugwali, tat-trasparenza, tal-evalwazzjoni indipendenti, tal-kofinanzjament, tal-finanzjament li ma jwassalx għal profitt kif ukoll tan-nuqqas ta' retroattività kif stabbiliti fl-Anness I ta' din id-deċiżjoni.
6. Il-kriterji prinċipali tal-evalwazzjoni għandhom ikunu mutatis mutandis dawk tal-Artikolu 15(1) (a) u (b) tar-Regoli għall-Parteċipazzjoni fis-Seba' Programm Kwadru għall-proġetti EMRP u l-iskemi ta' għotjiet għar-riċerkaturi, rispettivament. Is-sejħa għall-proposti għandha tikkonkretizza l-kriterji bażiċi ta' valutazzjoni. Jistgħu jiddaħħlu kriterji addizzjonali bil-kundizzjoni li dawn jiġu ppubblikati fis-sejħa għall-proposti, ma jkunux diskriminatorji u ma jipprevalux fuq il-kriterji bażiċi ta' valutazzjoni.
7. Aktar dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-EMRP huma pprovduti fl-Anness I ta' din id-deċiżjoni.

#### *Artikolu 4*

##### *Rwol taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka*

2. Iċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea se jkun eliġibbli għal parteċipazzjoni fi u għal finanzjament mill-EMRP taħt kundizzjonijiet komparabbli ma' dawk tal-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija tal-Istati parteċipanti.
8. Ir-riżorsi personali taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka, li mhumiex koperti mill-finanzjament mill-EMRP, ma għandhomx jgħoddu bħala kontribuzzjoni Komunitarja fl-ambitu tal-Artikolu 1.
9. L-istitut responsabbli għall-metroloġija taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka, bħala dipartiment tal-Kummissjoni li jaġixxi f'isem il-Komunità, għandu jkollu d-dritt li jipparteċipa fl-implimentazzjoni tal-EMRP fi ħdan l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni, bħala osservatur mingħajr dritt tal-vot.

#### *Artikolu 5*

##### *Ftehimiet bejn il-Komunità u l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni*

L-arranġamenti dettaljati għall-ġestjoni u kontroll tal-fondi u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim ġenerali u fi ftehimiet finanzjarji annwali li għandhom jiġu konklużi bejn il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità, u l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni.

Il-ftehim ġenerali għandu jinkludi b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- (1) definizzjoni tal-kompiti assenjati;
- (2) il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti dettaljati għat-twettiq tal-kompiti, fosthom dispożizzjonijiet xierqa biex jiġu ddefiniti r-responsabilitajiet u jkunu organizzati l-kontrolli li għandhom jitwettqu;
- (3) ir-regoli dwar ir-rappurtar lill-Kummissjoni fuq kif qegħdin jitwettqu l-kompiti;
- (4) il-kundizzjonijiet li fihom jintemm it-twettiq tal-kompiti;
- (5) l-arranġamenti dettaljati għall-iskrutinju mill-Kummissjoni;
- (6) il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu ta' kontijiet bankarji separati, it-trattament tal-imġaxijiet prodotti;
- (7) id-dispożizzjonijiet li jiggwarantixxu l-viżibilità tal-azzjoni Komunitarja f'relazżjoni mal-attivitajiet l-oħra tal-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni;
- (8) impenn li ma jitwettaq l-ebda att li jista' jwassal għal kunflitt tal-interessi fit-tifsira tal-Artikolu 52(2) tar-Regolament Finanzjarju;
- (9) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jirriżultaw mill-attivitajiet imwettqa taħt l-EMRP imsemmija fl-Artikolu 2.

#### *Artikolu 6*

##### *Imġaxijiet mill-kontribuzzjoni Komunitarja*

Skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Finanzjarju, l-imġax iġġenerat mill-kontribuzzjoni Komunitarja allokata għall-EMRP għandu jitqies bħala dħul assenjat. Il-kontribuzzjoni massima Komunitarja indikata fl-Artikolu 1 tista' għalhekk tiżdied mill-Kummissjoni.

#### *Artikolu 7*

##### *Tnaqqis tal-kontribuzzjoni Komunitarja bħala sanzjoni għal implimentazzjoni difettuża*

Jekk l-EMRP ma jiġix implimentat jew jiġi implimentat inadegwament, parzjalment jew tard, il-Komunità tista' tnaqqas, tirtira jew twaqqaf il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha b'mod proporzjonali mal-implimentazzjoni attwali tal-EMRP.

Jekk l-Istati parteċipanti ma jikkontribwux jew jikkontribwixxu biss parzjalment jew tard għall-finanzjament tal-EMRP, il-Komunità tista' tnaqqas il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha b'mod proporzjonali mal-ammont attwali ta' finanzjament pubbliku allokat mill-Istati parteċipanti bil-kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim ġenerali li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni.

*Artikolu 8*  
*Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità mill-Istati parteċipanti*

Fl-implimentazzjoni tal-EMRP, l-Istati parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi, regolatorji, amministrattivi jew oħrajn meħtieġa sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunità. B'mod partikolari, l-Istati parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw l-irkupru sħiħ ta' kwalunkwe ammont dovut lill-Komunità skont l-Artikolu 54(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 38(2) tar-Regoli Implimentattivi.

*Artikolu 9*  
*Kontroll mill-Qorti tal-Awdituri*

Il-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri ikollhom id-dritt, permezz tal-uffiċjali jew l-aġenti tagħhom, li jwettqu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet kollha meħtieġa biex jiżguraw ġestjoni tajba tal-fondi tal-Komunità u jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-Komunità kontra kwalunkwe frodi jew irregolarità. Għal dan il-għan, l-Istati parteċipanti u/jew l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni għandhom, aktar tard, ipoġġu d-dokumenti kollha rilevanti għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Awdituri.

*Artikolu 10*  
*Informazzjoni reċiproka*

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni kollha rilevanti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri. L-Istati parteċipanti huma mistiedna jissottomettu lill-Kummissjoni, permezz tal-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Qorti tal-Awdituri dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni, li tkun konsistenti mar-rekwiżiti ġenerali tar-rappurtaġġ stipulati fl-Artikolu 13(1).

*Artikolu 11*  
*Parteċipazzjoni ta' aktar Stati Membri u pajjiżi assoċjati*

Kwalunkwe Stat Membru u pajjiż assoċjat mas-Seba' Programm Kwadru għandu jkun intitolat li jissieħeb fl-EMRP skont il-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(e) u (f) u għandu jiġi ttrattat bħala Stat parteċipant.

*Artikolu 12*  
*Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi oħra*

L-Istati parteċipanti u l-Kummissjoni jistgħu jaqblu mal-parteċipazzjoni ta' kwalunkwe pajjiż ieħor soġġetta għall-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(e) u sakemm parteċipazzjoni bħal din tkun prevista mill-ftehim internazzjonali rilevanti. Huma għandhom jiddefinixxu l-kundizzjonijiet skont liema l-entitajiet legali stabbiliti u l-individwi residenti f'tali pajjiż ikunu eliġibbli għal finanzjament tal-EMRP.

*Artikolu 13*  
*Rappurtaġġ u evalwazzjoni annwali*

Ir-rapport annwali dwar is-Seba' Programm Kwadru ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 173 tat-Trattat għandu jinkludi rapport tal-attivitajiet tal-EMRP.

Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni proviżorja tal-EMRP tliet snin wara l-bidu tal-EMRP. Din l-evalwazzjoni għandha tkopri l-progress lejn il-miri stabbiliti fl-Anness I, kif ukoll rakkomandazzjonijiet tal-EMRP dwar l-aktar modi adegwati sabiex tkompli tittejjeb l-integrazzjoni u l-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni, inkluża l-integrazzjoni xjentifika, amministrattiva u finanzjarja u jekk il-livell tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati parteċipanti huwiex adatt, fid-dawl tad-domanda potenzjali mid-diversi komunitajiet ta' riċerka nazzjonali tagħhom.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tagħhom, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha u, fejn ikun xieraq, proposti biex tiġi emendata din id-deċiżjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Fit-tmiem ta' din il-parteeċipazzjoni Komunitarja fl-EMRP iżda mhux aktar tard mill-2017, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni finali tal-EMRP. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni finali għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 14*  
*Dħul fis-seħħ*

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 15*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## ANNEX I

### Deskrizzjoni tal-Miri u l-Attivitajiet tal-Programm Ewropew ta' Riċerka dwar il-Metroloġija (EMRP)

#### **I. GĦANIJIET**

Fl-ekonomija globali tallum, il-metroloġija tagħmel kontribut sinifikanti għall-iżvilupp teknoloġiku u ekonomiku ta' bosta nazzjonijiet fid-dinja. Ir-riċerka dwar il-metroloġija hija meħtieġa sabiex issolvi problemi tas-soċjetà, u eżempji jaffettwaw oqsma bħall-ispazju, inkluża n-navigazzjoni bis-satellita, is-sigurtà, il-kura tas-saħħa, l-industrija tas-semikondutturi u t-tibdil fil-klima. Ir-riċerka dwar il-metroloġija hija ġid pubbliku ta' natura b'saħħitha u hija attività prinċipali ta' sostenn għar-regolazzjoni u l-istandardizzazzjoni mill-gvern. Il-metroloġija mhijiex f'għajnejn il-pubbliku, imma hija essenzjali biex ikunu ffaċilitati l-kummerċ u l-komunikazzjonijiet moderni. L-aċċess għas-swieq jista' jkun imxekkel min-nuqqas ta' piżijiet u miżuri uniformi u preċiżi. Il-qawwiet ekonomiċi prinċipali kollha fid-dinja għarfu li l-R&D teknoloġika fil-metroloġija hija fundamentali għat-tkabbir ekonomiku fit-tul ta' pajjiż avvanzat.

Ir-riċerka dwar il-metroloġija tradizzjonalment kienet prijorità għolja f' bosta pajjiżi. Madankollu l-pajjiżi Ewropej qegħdin iħaddmu l-programmi ta' riċerka nazzjonali tagħhom dwar il-metroloġija f' iżolament sħiħ u l-Istati Membri tal-UE ma kinux kapaċi joħolqu waħedhom Programm Ewropew ta' Riċerka dwar il-Metroloġija (EMRP) wieħed u tassew integrat. L-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija (NMI), appoġġati minn Istituti Denominati (DI) huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' riċerka nazzjonali dwar il-metroloġija fuq il-bażi ta' finanzjament istituzzjonali minn aġenziji jew ministeri tal-gvern ċentrali. Il-komunità Ewropea tar-riċerka dwar il-metroloġija hija komunità speċjalizzata li hija marbuta biss b'mod laxk mal-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew l-akkademja. Hija fil-biċċa l-kbira frammentata billi tinkludi fit-ċentri ta' eċċellenza globali li jistgħu jibbenefikaw minn kompetizzjoni wiesgħa fuq skala internazzjonali. Teżisti b'mod ċar duplikazzjoni tar-riċerka.

Id-dritt Komunitarju li jopera f'dan il-qasam jidher f'diversi artikoli tat-Trattat li jipprovdu koordinazzjoni u kooperazzjoni fir-riċerka bejn l-Istati Membri u l-Komunità. L-Artikolu 165 jistipula li "il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jikkordinaw l-attivitajiet tagħhom fir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku sabiex jiżguraw li kull politika nazzjonali u dik tal-Komunità ikunu koerenti ma' xulxin". Naturalment, l-Artikolu 169 jistieden lill-Komunità biex taħseb għall-pateċipazzjoni fil-programmi ta' riċerka u żvilupp li fihom jieħdu sehem diversi Stati Membri. L-azzjoni tal-Komunità tidher iġġustifikata ħafna, għaliex l-Istati Membri weħidhom x'aktarx li ma jkunux kapaċi jindirizzaw dawn il-problemi.

L-EMRP se jintegra l-programmi nazzjonali ta' tnejn u għoxrin Stat parteċipanti fi programm wieħed konġunt ta' riċerka u jsostni, b'mod partikolari, il-miri tas-Sistemi Nazzjonali Ewropej tal-Kejl. L-EMRP se jaċċellera l-iżvilupp, il-validazzjoni u l-isfruttament ta' metodi, standards, proċessi, strumenti, materjali ta' referenza u għerf ġdid dwar it-tkejjil immirati sabiex jagħtu spinta lill-iżviluppi innovattivi fl-industrija u l-kummerċ, itejbu l-kwalità tad-dejta għax-xjenza, l-industrija u t-tiswir tal-politika u jsostnu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tad-direttivi u r-regolamenti.

L-EMRP ser jilħaq dawn il-miri kif ġej:

- a) **Ġmigħ tal-eċċellenza fir-riċerka dwar il-metroloġija** - bil-ħolqien ta' proġetti kompetittivi konġunti ta' riċerka (minn hawn 'il quddiem imsejħa "proġetti EMRP") li jorganizzaw il-kapaċità ta' massa kritika suffiċjenti min-netwerks tan-NMI u tad-DI mill-Istati parteċipanti biex jindirizzaw l-isfidi metroloġiċi prinċipali ffaċċjati fuq livell Ewropew;
- b) **Ftuħ tas-sistema għall-aħjar xjenza** - billi tiżdied il-parteċipazzjoni mill-komunità aktar wiesgħa tar-riċerkaturi Ewropej permezz ta' għotjiet għar-riċerkaturi;
- c) **Żvilupp tal-kapaċità** - billi tiżdied il-kapaċità tal-komunità tar-riċerkaturi Ewropej dwar il-metroloġija permezz ta' għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi mmirati lejn dawk il-Pajjiżi Membri tal-EURAMET b'kapaċità ta' riċerka metroloġika limitata.

L-EMRP għandu jikkumplimenta programmi u attivitajiet nazzjonali li għaddejjin immirati sabiex jindirizzaw prijoritajiet purament nazzjonali.

L-inizjattiva tal-EMRP hija mmirata sabiex tallinja u tintegra attivitajiet nazzjonali rilevanti ta' riċerka dwar il-metroloġija sabiex jiġi stabbilit programm konġunt wieħed ta' riċerka li jinkludi l-integrazzjoni xjentifika, amministrattiva u finanzjarja, li jagħmel kontribut importanti għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka u jsostni l-kunċetti fl-aġenda ta' Liżbona tal-Ewropa bħala "l-iżjed ekonomija kompetittiva u dinamika msejsa fuq l-għerf". L-integrazzjoni xjentifika tinkiseb permezz tad-definizzjoni u l-implimentazzjoni komuni ta' attivitajiet taħt l-EMRP. L-integrazzjoni amministrattiva tinkiseb bl-użu tal-EURAMET e.V. bħala l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni suġġetta għall-arranġamenti dettaljati kontenuti fl-Anness II.

L-integrazzjoni finanzjarja timplika li l-Istati parteċipanti effettivament jintrabtu li jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-EMRP billi jipprovdu finanzjament nazzjonali lill-parteċipanti kollha eliġibbli fil-proġetti magħżula tal-EMRP mill-baġits nazzjonali allokat għall-EMRP, jekk ikun meħtieġ jużaw il-kapaċità tal-finanzjament ta' riżerva li jammonta għal 50% ta' dawn il-baġits, u billi jipprovdu kontribuzzjoni "fi flus" għal fond komuni biex jiffinanzja l-eċċellenza tar-riċerkaturi u l-għotjiet għall-mobilità, minbarra li jiffinanzjaw l-ispejjeż operattivi kollha tal-EMRP. Element ieħor tal-integrazzjoni finanzjarja se jkun l-approċċ unifikat lejn l-ispejjeż eliġibbli, ispirat mir-regoli tas-Seba' Programm Kwadru.

## II. ATTIVITAJIET

L-attività prinċipali tal-EMRP se tkun tikkonsisti minn erba' tipi ta' attivitajiet konġunti ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku:

- A. L-attività prinċipali se tkun tikkonsisti fi **proġetti EMRP** transnazzjonali b'diversi msieħba li jindirizzaw attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku, taħriġ u disseminazzjoni. Minħabba l-kapaċitajiet ikkonċentrati fil-metroloġija, il-parti ċentrali tal-proġetti EMRP għandha titwettaq minn NMI u DI mill-Istati parteċipanti.
- B. Sabiex jiżdiedu u jiġu ddiversifikati l-kapaċitajiet fil-metroloġija, għandhom jiġu stabbiliti tliet skemi ta' għotjiet:
- B1. Sabiex jiżdied in-numru tal-organizzazzjonijiet b'kapaċitajiet marbuta mill-qrib mal-metroloġija, għandhom ikunu disponibbli **għotjiet għall-eċċellenza tar-riċerkaturi** għal organizzazzjonijiet u/jew individwi mill-komunità aktar wiesgħa ta' riċerkaturi

fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru. Kull organizzazzjoni u/jew individwu magħżula għandhom ikunu assoċjati ma' proġett EMRP.

- B2. Sabiex jiġu żviluppati l-kapaċitajiet tal-individwi fil-metroloġija permezz tal-mobilità, għandhom ikunu disponibbli **għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi** għal (i) riċerkaturi minn NMI u DI tal-Istati parteċipanti, (2) riċerkaturi li jibbenefikaw, jew individwalment jew permezz tal-organizzazzjoni tagħhom, minn għotja għall-eċċellenza tar-riċerkaturi u (3) riċerkaturi minn Pajjiżi Membri tal-EURAMET li ma jkunux qegħdin jipparteċipaw fl-EMRP, li attwalment ma jkollhom l-ebda kapaċità ta' riċerka dwar il-metroloġija jew kapaċità limitata. Dawn l-għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi għandhom jippermettu lir-riċerkaturi jibqgħu f'NMI jew DI li jkun qiegħed jipparteċipa fi proġett EMRP jew f'organizzazzjoni li tibbenefika minn għotja għall-eċċellenza tar-riċerkaturi.
- B3. Sabiex tiġi assigurata s-sostenibbiltà fil-kooperazzjoni bejn in-NMI u d-DI tal-Istati parteċipanti u sabiex titħejja l-ġenerazzjoni li jmiss ta' riċerkaturi bl-esperjenza dwar il-metroloġija, għandu jkun hemm disponibbli **għotjiet għall-mobilità ta' riċerkaturi fil-fażi bikrija** għal riċerkaturi fil-fażi bikrija min-NMI u d-DI tal-Istati parteċipanti sabiex jippermettulhom li jibqgħu f'NMI jew f'DI, f'organizzazzjoni li tibbenefika minn għotja għall-eċċellenza fir-riċerka jew f'organizzazzjoni oħra li tkun qiegħda tipparteċipa fi proġett ta' riċerka EMRP bi spejjeż tagħha stess.

Dawn l-attivitajiet għandhom jittejbu, fejn ikun xieraq, permezz ta' kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra rilevanti u interessati, fl-Ewropa jew lil hinn, li jipparteċipaw fuq bażi ta' awtofinanzjament.

Barra minn hekk, attivitajiet aktar wiesgħa ta' netwerking għandhom jiġu sostnuti sa livell limitat sabiex jippromwovu l-EMRP u jkabbbru l-impatt tiegħu. Dawn l-attivitajiet għandhom jinkludu, jekk ikun meħtieġ, iż-żamma u aġġornament tal-oqsma ta' riċerka identifikati fl-EMRP permezz ta' attivitajiet bħal workshops, kuntatti ma' partijiet interessati oħra xierqa fl-Ewropa u lil hinn.

### III. IMPLIMENTAZZJONI TAL-ATTIVITAJIET

L-għażla tal-proġetti EMRP u l-għoti tal-għotjiet għall-eċċellenza tar-riċerkaturi u għall-mobilità tar-riċerkaturi għandhom ikunu suġġetti għal sejħiet perjodiċi għall-proposti. Bħala kalendarju indikattiv, huwa previst li jitnedew sejħiet għall-proposti f'intervalli ta' 12 sa 18-il xahar fuq perjodu massimu ta' seba' snin. L-għoti tal-għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi fil-fażi bikrija għandu jkun suġġett għal sejhja permanenti.

#### A. Proġetti EMRP

##### a) Sejħa għal suġġetti potenzjali ta' riċerka tal-proġetti EMRP (Stadju 1):

Kull sejhja għall-proposti ta' proġetti EMRP għandha tkun preċeduta mill-identifikazzjoni tas-suġġetti ta' dik is-sejhja billi jiġu segwiti l-passi ta' hawn isfel. L-ewwel nett, il-Kumitat tal-EMRP (Ara Anness II), f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, għandu jidentifika l-partijiet tal-EMRP li għandhom ikunu s-suġġett tas-sejhja għall-proposti. It-tieni, il-komunità tar-riċerkaturi – kwalunkwe individwu jew organizzazzjoni interessata – se jiġu mistiedna biex jissuġġerixxu suġġetti potenzjali ta' riċerka għal dik is-sejhja. It-tielet, il-Kumitat tal-EMRP

għandu jaqbel fuq l-aħjar suġġetti potenzjali ta' riċerka li jkun irċieva. Il-Kumitat tal-EMRP jista' jemenda, jaqsam jew jgħaqqad is-suġġetti riċevuti jew jintroduċi oħrajn ġodda sabiex jottimizza s-sejħa għall-proposti fl-Istadju 2. Il-Kumitat tal-EMRP għandu jassigura li s-suġġetti finali tar-riċerka ma jkunux jistgħu jiġu intraċċati lura għall-proponenti inizjali ta' dawn l-ideat u għaldaqstant ikunu anonimi.

**b) Sejħa għall-proposti għal proġetti EMRP (Stadju 2):**

Ladarba jkunu ntgħażlu s-suġġetti tar-riċerka, EURAMET e.V. għandha tippubblika s-sejħa għall-proposti u tistieden timijiet tar-riċerka minn NMI u DI tal-Istati parteċipanti sabiex jibnu konsorzji u jissottomettu proposti għall-proġetti.

Is-sejħa għall-proposti għandha tibqa' miftuħa għal mill-anqas xahrejn.

EURAMET e.V. għandha tevalwa kull proposta li tirċievi bil-għajnuna ta' mill-anqas tliet esperti indipendenti maħtura minnha fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fir-Regoli għall-Parteċipazzjoni fis-Seba' Programm Kwadru. L-esperti għandhom jistabbilixxu lista ta' klassifikazzjoni li għandha tkun vinkolanti għall-allokkazzjoni tal-finanzjament Komunitarju u tal-finanzjament nazzjonali.

Il-kriterji bażiċi segwenti ta' valutazzjoni għandhom japplikaw għall-proġetti EMRP:

- l-eċċellenza xjentifika u/jew teknoloġika;
- ir-rilevanza għall-għanijiet tal-EMRP;
- l-impatt potenzjali permezz tal-iżvilupp, tixrid u użu tar-riżultati tal-proġett;
- il-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni u l-ġestjoni.

Is-sejħa għall-proposti għandha tikkonkretizza l-kriterji bażiċi ta' valutazzjoni. Jistgħu jiddaħħlu kriterji addizzjonali bil-kundizzjoni li dawn jiġu ppubblikati fis-sejħa għall-proposti, ma jkunux diskriminatorji u ma jipprevalux fuq il-kriterji bażiċi ta' valutazzjoni.

Kwalunkwe konsorzju li jissottometti proposta għal proġett EMRP jista' jinkludi kwalunkwe entità oħra Ewropea jew mhux Ewropea li ma tkunx eliġibbli għal finanzjament bil-kundizzjoni li din l-entità tkun tista' realistikament tassigura li għandha r-riżorsi meħtieġa għall-partiċipazzjoni tagħha.

Konsorzju li jissottometti proposta għal proġett EMRP jista' jinkludi diġà f'dan l-istadju fil-proposta tiegħu, proposta għal għotja għall-eċċellenza tar-riċerkaturi bil-kundizzjoni li din iżżid valur xjentifiku neċessarju għall-proġett. F'dan il-każ, l-evalwazzjoni tal-proposta għall-għotja għall-eċċellenza tar-riċerkaturi għandha tkun parti mill-evalwazzjoni globali tal-proġett. L-għażla tal-proġett għall-finanzjament għandha awtomatikament tfisser il-ħruġ ta' tali għotja.

Il-Kunsill għar-Riċerka ta' EURAMET e.V. għandu jagħti l-opinjoni indipendenti tiegħu dwar ir-riżultati globali tal-evalwazzjoni ta' sejħa għall-proposti għal proġetti EMRP (Stadji 1 u 2), iżda mhux fuq proġetti EMRP individwali. Din l-opinjoni għandha tiġi kkunsidrata kif dovut minn EURAMET e.V. fis-sejħiet suċċessivi għall-proposti.

## **B. Sejħa għall-proposti għal għotjiet għall-eċċellenza tar-riċerkaturi u għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi (Stadju 3)**

Il-pubblikazzjoni tal-lista tal-proposti magħżula ta' proġetti EMRP għandha tkun akkumpanjata minn sejħa lill-komunità aktar wiesgħa tar-riċerkaturi sabiex jissiehu fi proġetti EMRP permezz tal-għotjiet għall-eċċellenza tar-riċerkaturi u/jew l-għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi.

Kull konsorzju għal proġett EMRP se jkun mistieden (sakemm ma jkunx diġà daħħal proposta dwar għotjiet għar-riċerkaturi u għall-eċċellenza meta sottometta proposta għal proġett EMRP kif deskritt fis-seba' paragrafu tas-sezzjoni preċedenti A.b)) sabiex iniedi, fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ tal-kuntratt tal-proġett EMRP, sejħa għall-proposti biex jiġu identifikati benefiċjarji potenzjali u jkunu proposti lill-EURAMET e.V. sabiex jingħataw għotja għall-eċċellenza tar-riċerkaturi jew għall-mobilità tar-riċerkaturi. It-tqassim indikattiv tal-finanzjament tal-EMRP jiġi kkalkulat sabiex bħala medja kull proġett EMRP jista' jkun assoċjat ma' tal-anqas għotja waħda għall-eċċellenza tar-riċerkaturi u/jew għall-mobilità tar-riċerkaturi. Madankollu, dan mhuwiex obbligu vinkolanti u dawn it-tip ta' għotjiet jistgħu jiġu implimentati bl-aktar mod flessibbli.

Il-konsorzju għall-proġett EMRP għandu jipubblika s-sejħa għall-proposti f'mill-anqas ġurnal internazzjonali wieħed u fi tliet gazzetti nazzjonali differenti fi tliet Stati parteċipanti differenti. Huwa għandu jkun responsabbli wkoll biex jirreklama s-sejħa b'mod estensiv billi juża appoġġ speċifiku għall-informazzjoni, b'mod partikolari siti fuq l-Internet dwar is-Seba' Programm Kwadru, l-istampa u l-fuljetti speċjalizzati u permezz tal-punti nazzjonali ta' kuntatt stabbiliti mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru. Barra minn hekk, il-pubblikazzjoni u r-reklamar tas-sejħa għall-proposti għandha tkun konformi ma' kull struzzjoni u nota ta' gwida stabbiliti mill-EURAMET e.V. Il-konsorzju għandu jgħarraf lill-EURAMET e.V. bis-sejħa u l-kontenut tagħha tal-anqas 30 jum qabel id-data prevista tal-pubblikazzjoni tagħha. EURAMET e.V. għandha teżamina l-konformità tas-sejħa mar-regoli, l-istruzzjonijiet u n-noti ta' gwida rilevanti.

Is-sejħa għall-proposti għandha tibqa' miftuħa għal mill-anqas ħames ġimgħat.

Il-konsorzju għall-proġett EMRP għandu jevalwa l-proposti riċevuti bil-għajnuna ta' mill-anqas żewġ esperti indipendenti maħtura minnu fuq il-bażi tar-Regoli għall-Parteċipazzjoni fs-Seba' Programm Kwadru.

Il-kriterji bażiċi segwenti ta' valutazzjoni għandhom japplikaw għall-evalwazzjoni tal-proposti:

- l-eċċellenza xjentifika u/jew teknoloġika;
- ir-rilevanza għall-għanijiet tal-proġett EMRP;
- il-kwalità u l-kapaċità ta' implimentazzjoni tal-applikant u l-potenzjal tiegħu/tagħha għal aktar progress;
- il-kwalità tal-attività proposta fit-taħriġ xjentifiku u/jew it-trasferiment tal-għerf.

Is-sejħa għall-proposti għandha tikkonkretizza l-kriterji bażiċi ta' valutazzjoni. Jistgħu jiddaħħlu kriterji addizzjonali bil-kundizzjoni li dawn jiġu ppubblikati fis-sejħa għall-proposti, ma jkunux diskriminatorji u ma jipprevalux fuq il-kriterji bażiċi ta' valutazzjoni.

Il-konsorzju għall-proġett EMRP għandu jipproponi lil EURAMET e.V. sabiex tagħti l-għotja lil benefiċjarju u jirrapporta lilha dwar kif saret is-sejħa għall-proposti, inklużi l-mod tal-pubblikazzjoni u l-ismijiet u l-affiljazzjoni tal-esperti involuti fl-evalwazzjoni. Fi żmien 45 ġurnata minn meta tirċievi din il-proposta, EURAMET e.V. għandha jew toħroġ l-għotja jew tirrifjutaha jekk l-għażla ma tkunx konformi mar-regoli, l-istruzzjonijiet u n-noti ta' gwida rilevanti.

EURAMET e.V. għandha tistieden lill-pajjiżi Ewropej li ma għandhom ebda kapaċità jew kapaċitajiet limitati biss fir-riċerka dwar il-metroloġija sabiex iħeġġu lill-istituti tar-riċerka jew l-universitajiet tagħhom biex japplikaw għal għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi bħala mezz sabiex jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom fir-riċerka dwar il-metroloġija.

### **C. Għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi fil-fażi bikrija**

EURAMET e.V. għandha tniedi sejħa għall-offerti miftuħa b'mod permanenti għal għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi fil-fażi bikrija u tippubblikaha f'mill-anqas ġurnal internazzjonali wieħed u fi tliet gazzetti nazzjonali differenti fi tliet Stati parteċipanti differenti. Hija għandha tkun responsabbli wkoll biex tirreklama s-sejħa għall-proposti billi tuża appoġġ speċifiku għall-informazzjoni, speċjalment siti fuq l-Internet dwar is-Seba' Programm Kwadru, l-istampa u fuljetti speċjalizzati u permezz tal-punti nazzjonali ta' kuntatt stabbiliti mill-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru.

Il-proposti għandhom jiġu sottomessi mir-riċerkatur u mill-organizzazzjonijiet li jibagħtu u li jirċievu (NMI, DI jew organizzazzjoni oħra li tipparteċipa fi proġett EMRP). It-tqassim indikattiv tal-finanzjament huwa kkalkulat sabiex bħala medja kull proġett EMRP ikun jista' jiġi assoċjat ma' tal-anqas għotja waħda għall-mobilità tar-riċerkaturi fil-fażi bikrija. Madankollu, dan mhuwiex obbligu vinkolanti u dawn it-tip ta' għotjiet jistgħu jiġu implimentati bl-aktar mod flessibbli.

EURAMET e.V. għandha tevalwa l-proposti li tirċievi.

Għandhom japplikaw il-kriterji bażiċi segwenti ta' valutazzjoni:

- l-eċċellenza xjentifika u/jew teknoloġika;
- ir-rilevanza għall-għanijiet tal-proġett EMRP;
- il-kwalità u l-kapaċità ta' implimentazzjoni tal-applikant u l-potenzjal tiegħu/tagħha għal aktar progress;
- il-kwalità tal-attività proposta fit-taħriġ xjentifiku u/jew it-trasferiment tal-għerf.

Is-sejħa għall-proposti għandha tikkonkretizza l-kriterji bażiċi ta' valutazzjoni. Jistgħu jiddaħħlu kriterji addizzjonali bil-kundizzjoni li dawn jiġu ppubblikati fis-sejħa għall-proposti, ma jkunux diskriminatorji u ma jipprevalux fuq il-kriterji bażiċi ta' valutazzjoni.

EURAMET e.V. għandha timmira għal żewġ dati ta' għeluq fis-sena meta toħroġ dawn l-għotjiet bi proċedura ssimplifikata bbażata fuq l-opinjoni ta' mill-anqas espert indipendenti wieħed għal kull proposta.

## D. Tabella ta' Rikapitulazzjoni

Tipi ta' finanzjament	Organizzazzjonijiet Eliġibbli	Pajjiżi Eliġibbli	Kriterji ta' Valutazzjoni
<b>A. Proġett EMRP (konsorzju)</b>	<b>NMI u DI</b>	<b>L-Istati li qegħdin jipparteċipaw fl-EMRP</b>	<b>Artikolu 15(1)(a) tar-Regoli għall-Parteċipazzjoni fis-Seba' Programm Kwadru</b>
<b>B1. Għotjiet għall-eċċellenza tar-riċerkaturi</b>	<b>Kwalunkwe organizzazzjoni ħlief NMI jew DI</b>	<b>L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru</b>	<b>Artikolu 15(1)(b) tar-Regoli għall-Parteċipazzjoni fis-Seba' Programm Kwadru</b>
<b>B2. Għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi</b>	Minn: (1) NMI u DI jew (2) organizzazzjoni li tibbenefika minn għotja għall-eċċellenza tar-riċerkaturi (3) riċerkaturi minn Pajjiżi Membri tal-EURAMET li <u>ma jipparteċipawx fl-EMRP</u> u li bħalissa għandhom ftit jew xejn kapaċità ta' riċerka dwar il-metroloġija Għal: (1) NMI u DI jew (2) organizzazzjoni li tibbenefika minn għotja għall-eċċellenza tar-riċerkaturi	<b>L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru</b>	<b>Artikolu 15(1)(b) tar-Regoli għall-Parteċipazzjoni fis-Seba' Programm Kwadru</b>
<b>B3. Għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi fil-fażi bikrija</b>	Minn: NMI u DI Għal: (1) NMI u DI jew (2) organizzazzjonijiet oħra li qegħdin jipparteċipaw fil-proġett EMRP (konsorzju)	<b>L-Istati li qegħdin jipparteċipaw fl-EMRP</b>	<b>Artikolu 15(1)(b) tar-Regoli għall-Parteċipazzjoni fis-Seba' Programm Kwadru</b>

#### IV. MEKKANIŻMI TA' FINANZJAMENT

##### A. Finanzjament fil-Livell tal-Programm

L-EMRP għandu jkun iffinanzjat mill-Istati parteċipanti u mill-Komunità.

L-Istati parteċipanti għandhom jiddefinixxu pjan ta' finanzjament multiannwali biex jipparteċipaw fl-EMRP u jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-attivitajiet tiegħu. Il-kontribuzzjoni nazzjonali tista' tiġi minn programmi eżistenti jew ġodda, sakemm ikunu konformi man-natura essenzjali tal-metroloġija ta' livell għoli ffinanzjata b'mod pubbliku. Kull Stat parteċipanti għandu, minbarra r-rekwiżit prinċipali tal-finanzjament (baġit allokat għall-EMRP), jidentifika kapaċità ta' finanzjament ta' riżerva ugwali għal 50% ta' dak ir-rekwiżit sabiex jassigura l-flessibbiltà fl-operat tal-EMRP matul il-ħajja tiegħu kollha u r-rispett tal-lista ta' klassifikazzjoni. Il-finanzjament tal-EMRP għandu jinvolti b'mod partikolari l-impenn ta' kontribuzzjoni għall-finanzjament tal-parteċipanti fil-proġetti EMRP magħżula mill-baġits nazzjonali allokat għall-EMRP, u tiġi pprovduta kontribuzzjoni "fi flus" għal fond komuni biex jiġu ffinanzjati l-għotjiet għar-riċerkaturi, minbarra li jiġu ffinanzjati b'mod sħiħ l-ispejjeż operattivi tal-EMRP.

Il-kontribuzzjoni Komunitarja totali għall-EMRP hija kkalkulata daqs il-kontribuzzjoni finanzjarja attwali mill-Istati parteċipanti (esklużi spejjeż operattivi li jaqbżu EUR 16-il miljun u l-kapaċità ta' fondi ta' riżerva), b'limitu massimu ta' EUR 200 miljun. Billi l-ispejjeż operattivi huma inklużi fil-kalkulazzjoni tal-kontribuzzjoni korrispondenti, dawn iridu jiġu ġġustifikati mill-EURAMET e.V.

L-ebda kontribuzzjoni Komunitarja ma għandha tintuża biex tkopri l-ispejjeż operattivi tal-EURAMET e.V.

##### B. Tqassim Indikattiv tal-Finanzjament

**Total Komplessiv: EUR 400 miljun (+ EUR 100 miljun kapaċità ta' finanzjament ta' riżerva)**

Tip ta' Attività	Komunità		Stati parteċipanti		Total	
	EUR 200 miljun		EUR 200 miljun		EUR 400 miljun	
	%	EUR mil juni	%	EUR mil juni	%	EUR mil juni
Proposti għal Proġetti EMRP - Modulu (Parti A)	82 %	164	90 %	180	86 %	344
Proposti ta' Għotjiet għar-Riċerkaturi Modulu (Parti B)	18 %	36	2%	4	10 %	40
finanzjament sa 100 %					7.5 %	30
<b>B1. Għotjiet għall-eċċellenza tar-riċerkaturi</b>					1.5 %	6
<b>B.2 Għotjiet għall-mobilità</b>						

<b>tar-riċerkaturi B.3 Għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi fil-fażi bikrija</b>					<b>1.0 %</b>	<b>4</b>
Spejjeż Operattivi (Parti C) <sup>17</sup>	-	-	8 %	16	4 %	16
<u>Total</u>	100 %	200	100%	200	100 %	400

### C. Finanzjament ta' Proġetti EMRP u Għotjiet għar-Riċerkaturi

L-allokkazzjoni tal-fondi mill-baġits allokat għall-EMRP u mill-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-proġetti EMRP għandha ssegwi l-ordni tal-lista ta' klassifikazzjoni approvata tal-evalwazzjoni. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-parteċipanti f'dawn il-proġetti EMRP hija kkalkulata skont l-ispejjeż eliġibbli kif definit fir-Regoli għall-Parteċipazzjoni fis-Seba' Programm Kwadru. Jekk il-baġit allokat għall-EMRP jispiċċa minħabba r-rata għolja ta' suċċess ta' NMI u DI minn Stat parteċipanti partikolari, dan l-Istat parteċipanti għandu juża l-kapaċità ta' finanzjament ta' riżerva ta' 50% tal-baġit allokat tiegħu għall-EMRP allokat bħal aktar proposti magħżula billi jsegwi l-lista ta' klassifikazzjoni.

Il-kontribuzzjoni Komunitarja għall-proġetti EMRP għandha tiġi stabbilita għal kull sejħa għall-proposti bħala perċentwali tal-ispejjeż eliġibbli anqas minn 50%. Din għandha tiġi ttrasferita direttament mill-EURAMET e.V. għall-parteċipanti tal-proġetti EMRP.

Il-kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-proġetti tal-EMRP għandhom jiġu pprovduti billi jintużaw il-mekkaniżmi nazzjonali rispettivi ta' finanzjament.

Il-kontribuzzjonijiet fi flus mill-Komunità u nazzjonali li jintużaw biex jiffinanzjaw l-għotjiet għall-eċċellenza tar-riċerkaturi, l-għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi u l-għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi fil-fażi bikrija għandhom jiġu ttrasferiti lill-EURAMET e.V. u minnha lill-benefiċjarji tal-għotjiet.

Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, u b'mod partikolari l-eżistenza tal-kontribuzzjoni nazzjonali, il-ħlas attwali tagħha, l-użu xieraq tal-finanzjament mill-Komunità u l-eliġibilità tal-ispejjeż mitluba għandhom jiġu assigurati taħt ir-responsabilità tal-EURAMET e.V., u jiġu stabbiliti b'verifika finanzjarja indipendenti tal-proġetti EMRP skont prinċipji li jaqblu ma' daww tas-Seba' Programm Kwadru.

L-għotjiet għall-eċċellenza tar-riċerkaturi, l-għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi u l-għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi fil-fażi bikrija għandhom ikunu għotjiet fissi mogħtija skont skali definiti minn qabel; l-infiq dettaljat sottostanti ma għandux ikun suġġett għal verifika. Il-kategoriji ta' spejjeż koperti minn kwalunkwe għotja bħal din ma għandhomx ikunu eliġibbli bħala spejjeż ta' proġett EMRP. Huwa biss il-ħlas attwali sħiħ tal-ammont definit lill-benefiċjarju finali li għandu jiġi sostnut b'evidenza formali. Il-ħlasijiet fi flus mhumiex

<sup>17</sup> B'differenza miċ-ċifri l-oħrajn, dan l-ammont huwa limitu massimu vinkolanti fil-kalkolu tal-fondi korrispondenti tal-Istati parteċipanti.

ikkunsidrati bħala ppruvati sewwa u mhumiex eliġibbli. EURAMET e.V. se jkollha l-għażla li titlob fondi korrispondenti minn riċevituri li huma entitajiet legali aktar milli individwi.

## V. ARRANĠAMENTI DWAR L-IPR

EURAMET e.V. għandha tadotta politika dwar il-proprjetà intellettuali tal-EMRP skont l-Artikolu 2(h) tad-deċiżjoni.

### ANNEX II

#### Tmexxija u Implimentazzjoni tal-Programm Ewropew ta' Riċerka dwar il-Metroloġija (EMRP)

## I. INTRODUZZJONI

L-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni tal-EMRP għandha tkun EURAMET e.V., stabbilita fl-2007 taħt il-liġi Ġermaniża bħala assoċjazzjoni mhux bi skop ta' qligħ. Hija l-assoċjazzjoni reġjonali Ewropea dwar il-metroloġija. Is-sħubija fl-EURAMET e.V. hi miftuħa għall-Istituti Nazzjonali tal-Metroloġija (NMI), bħala Membri, u għall-Istituti Denominati (DI), bħala Assoċjati, mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, u minn Stati Ewropej oħra. L-Istitut għall-Materjali u l-Miżuri ta' Referenza tal-Kummissjoni Ewropea jista' jkun ukoll Assoċjat. Fil-preżent, hemm Membri minn tnejn u tletin pajjiż. Tnejn u għoxrin minn dawn il-pajjiżi huma fl-istess ħin Stati parteċipanti tal-EMRP.

## II. TMEXXIJA TAL-EMRP FI ĦDAN L-EURAMET E.V.

L-korpi u l-istrutturi interni li ġejjin tal-EURAMET e.V. għandhom jassumu rwoli fl-implimentazzjoni tal-EMRP:

- (1) **Il-President tal-EMRP** u d-deputat tiegħu/tagħha huma eletti mill-Kumitat tal-EMRP. Il-President tal-EMRP huwa awtomatikament wieħed miż-żewġ Viċi Presidenti tal-EURAMET e.V. Huwa/hija jirrappreżentaw legalment lill-EURAMET e.V. fil-kwistjonijiet tal-EMRP.
- (2) **Il-Kumitat tal-EMRP** huwa ffurmat minn Membri tal-EURAMET (jiġifieri NMI) li l-pajjiżi tagħhom huma Stati parteċipanti. Il-Kumitat tal-EMRP huwa l-organu li jieħu d-deċiżjonijiet tal-EMRP u huwa responsabbli għall-kwistjonijiet kollha li jirrigwardaw l-EMRP, fosthom id-deċiżjonijiet dwar id-definizzjoni u l-aġġornament tal-programm, dwar l-ippjanar tas-sejħiet għall-proposti, dwar il-profil tal-baġit, dwar l-eliġibilità u l-kriterji tal-għażla, dwar il-grupp tal-evalwaturi, dwar l-approvazzjoni tal-lista ta' klassifikazzjoni tal-proġetti EMRP li għandhom jiġu ffinanzjati, dwar il-monitoraġġ tal-progress tal-proġetti EMRP iffinanzjati u dwar is-superviżjoni tal-ħidma adegwata u organizzata tas-Segretarjat fir-rigward tal-EMRP. Il-Kumitat tal-EMRP jeleġġi Chairperson tal-EMRP (li huwa/hija awtomatikament "Viċi Chairperson (EMRP)" tal-EURAMET) u deputat.
- (3) Il-Kunsill għar-Riċerka huwa ffurmat minn kontinġent ibbilanċjat ta' esperti ta' livell għoli ġejjin mill-industrija, ir-riċerka u l-qasam akkademiku u minn organizzazzjonijiet internazzjonali tal-partijiet interessati. Dan jipprovdi pariri

strateġiċi indipendenti dwar il-materji tal-EMRP u jirrapporta jew jikkummenta lill-Kumitat tal-EMRP meta jkun meħtieġ u meta jintalab, iżda bħala minimu huwa jaġhti opinjoni dwar kull sejħa għall-proposti u ċiklu tal-għażla.

- (4) **Is-Segretarjat** huwa kompost minn persuni impjegati minn jew issekondati lil EURAMET e.V. L-istruttura u l-kompiti tiegħu huma rregolati mir-regoli ta' proċedura tal-EURAMET e.V. Parti mis-Segretarjat responsabbli għall-implimentazzjoni tal-EMRP hija ospitata mil-Laboratorju Fiżiku Nazzjonali, il-Membri mill-UE tal-EURAMET e.V. (minn hawn 'il quddiem "il-Membri ospitanti").
- (5) **Il-Maniġer tal-Programm EMRP** għandu jkun maniġer anzjan u bħala soluzzjoni proviżorja huwa/hija jistgħu jiġu ssekondati mill-Membri ospitanti. Il-Maniġer tal-Programm EMRP għandu jaġixxi biss taħt l-awtorità diretta ta' EURAMET e.V. fuq kwalunkwe kwistjoni li tirrigwarda l-EMRP u jirrapporta lill-korpi tiegħu. EURAMET e.V. għandha tistabbilixxi proċeduri effettivi li jiżguraw li ma jkun hemm ebda kunflitti tal-interessi bejn il-Maniġer tal-Programm EMRP u xi applikanti, parteċipanti jew benefiċjarji.

### **III. RESPONSABILITAJIET ESKLUŻIVI TA' EURAMET E.V. U SOTTOKUNTRATTAR TA' KOMPITI AMMINISTRATTIVI U LOĠISTIĊI LILL-MEMBRU OSPITANTI FL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-EMRP**

EURAMET e.V. għandha tkun esklużivament responsabbli għall-implimentazzjoni tal-EMRP. Hija għandha tamministra l-kontribuzzjoni Komunitarja għall-EMRP. Barra minn hekk hija għandha tassumi wkoll responsabbiltajiet b' mod partikolari sabiex:

- taġġorna l-EMRP;
- tiddefinixxi s-sejħiet għall-proposti;
- tippubblika s-sejħiet għall-proposti;
- tirċievi l-proposti għall-istadju 1 u 2 u proposti għal għotjiet għall-mobilità tar-riċerkaturi fil-fażi bikrija;
- tagħżel l-esperti indipendenti għall-evalwazzjoni;
- tirċievi l-valutazzjonijiet individwali tal-esperti indipendenti u tippresjedi l-bordijiet tal-evalwazzjoni;
- tiegħu d-deċiżjonijiet finali tal-għażla;
- tibda negozjati dwar kuntratti u tikkonkludi l-kuntratti mal-konsorzji magħżula għall-proġett EMRP u benefiċjarji oħra;
- tirċievi u twieġeb għall-ilmenti kollha dwar is-sejħiet;
- tirċievi, talloka u tissorvelja l-użu tal-kontribuzzjoni Komunitarja;

- tagħmel il-ħlasijiet lill-parteciċipanti fil-proġetti ffinanzjati tal-ERMP u lir-riċipjenti tal-għotjiet;
- tirrispondi għar-reqwiziti tar-rappurtar fil-konfront tal-Kummissjoni<sup>18</sup>.

Filwaqt li r-responsabbiltajiet u t-teħid tad-deċiżjonijiet ta' hawn fuq dwar l-EMRP jibqgħu esklużivament f'idejn l-EURAMET e.V., ċerti kompiti amministrattivi u loġistiċi fl-implimentazzjoni tal-EMRP jistgħu jiġu sottokuntrattati, bl-ispejjeż, lill-Membru ospitanti.

Dan is-sostenn amministrattiv u loġistiku għandu jikkonsisti minn dan li ġej:

- provvediment ta' amministrazzjoni u loġistika biex jiġu implimentati l-proċeduri tas-sejħiet għall-proposti, fosthom il-provediment ta' help line ddedikata;
- provvediment ta' appoġġ għat-tfassil lil EURAMET e.V. għall-iżvilupp ta' linji gwida u dokumentazzjoni oħra;
- provvediment tal-kapaċità ddedikata fuq l-internet;
- provvediment ta' għajjnuna għall-preparazzjoni tal-kuntratti, il-monitoraġġ tal-proġett u l-insewiment tal-proġetti EMRP u l-għotjiet għar-riċerkaturi;
- appoġġ lill-Kumitat tal-EMRP u lill-President tal-EMRP kif meħtieġ.

Bi qbil mal-Kummissjoni, jistgħu jiġu sottokuntrattati kompiti addizzjonali lill-Membru ospitanti waqt li EURAMET e.V. tiżviluppa l-kapaċità tas-Segretarjat permanenti tagħha.

---

<sup>18</sup> Il-monitoraġġ tal-kontribuzzjoni Komunitarja jimplika l-attivitajiet kollha ta' natura ta' kontroll u verifika, ex-ante u/jew ex-post, meqjusa neċessarji sabiex il-kompiti eżekuttivi ddelegati mill-Kummissjoni jitwettqu b'mod sodisfaċenti. Dawn l-attivitajiet għandhom ifittxu li jiksbu assigurazzjoni raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, u dwar l-eliġibilità tal-ispejjeż mitluba.

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. ISEM TAL-PROPOSTA:

Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteciċipazzjoni mill-Komunità fi Programm Ewropew ta' Riċerka dwar il-Metroloġija (EMRP) mwettaq minn diversi Stati Membri.

### 2. QAFAS ABM / ABB

Qasam/Oqsma ta' Politika kkonċernati u Attività/Attivitajiet Assoċjat:  
Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku: Seba' Programm Kwadru.  
Artikolu 169 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

### 3. LINJI TAL-BAĠIT

#### 3.1. Linji tal-baġit (linji operattivi u linji relatati ta' assistenza teknika u amministrattiva (eż – linji B.A.) fosthom l-intestaturi:

**Għall-2009, il-Kontribuzzjoni mid-DĠ RTD pro rata hija kif ġej:**

	Denominazzjoni	Linja	2009 (%)	2009 (€)
RTD	Kooperazzjoni – Saħħa	08 02 01	34,0%	5.774.864
RTD	Kooperazzjoni - Ikel, Agrikoltura u Bijoteknoloġija	08 03 01	10,2%	1.727.778
RTD	Kooperazzjoni - Nanoxjenzi, Nanoteknoloġiji, Materjali u Teknoloġiji ġodda tal-Produzzjoni	08 04 01	21,0%	3.571.514
RTD	Kooperazzjoni - Energy RTD	08 05 01	7,1%	1.200.885
RTD	Kooperazzjoni - Ambjent (inkluża l-Bidla fil-Klima)	08 06 01	10,7%	1.822.448
RTD	Kooperazzjoni- Trasport (inkluża l-Aeronawtika) RTD	08 07 01	17,1%	2.902.512
	<b>Subtotal RTD</b>		<b>100,0%</b>	<b>17.000.000</b>
INFSO	Kooperazzjoni – ICT	09 04 01	0,0%	0
	<b>Subtotal INFSO</b>		<b>0,0%</b>	<b>0</b>
TREN	Kooperazzjoni - Energy TREN	06 06 01	0,0%	0
TREN	Kooperazzjoni- Trasport (inkluża l-Aeronawtika) TREN	06 06 02	0,0%	0
	<b>Subtotal TREN</b>		<b>0,0%</b>	<b>0</b>
ENTR	Kooperazzjoni – Spazju	02 04 01 01	0,0%	0
ENTR	Kooperazzjoni – Sigurtà	02 04 01 02	0,0%	0

	<b>Subtotal ENTR</b>		<b>0,0%</b>	<b>0</b>
	<b>TOTALI</b>		<b>100%</b>	<b>17.000.000</b>

**Mill-2010, il-Kontribuzzjoni pro rata mid-Direttorati Ġenerali kollha għar-Riċerka se tkun kif ġej<sup>19</sup>:**

	<b>Denominazzjoni</b>	<b>Linja</b>	<b>2010-2013 (%)</b>
RTD	Kooperazzjoni – Saħħa	08 02 01	27,99 %
RTD	Kooperazzjoni - Ikel, Agrikoltura u Bijoteknoloġija	08 03 01	11,78 %
RTD	Kooperazzjoni - Nanoxjenzi, Nanoteknoloġiji, Materjali u Teknoloġiji ġodda tal-Produzzjoni	08 04 01	19,85 %
RTD	Kooperazzjoni - Energy RTD	08 05 01	5,69 %
RTD	Kooperazzjoni - Ambjent (inkluża l-Bidla fil-Klima)	08 06 01	10,90 %
RTD	Kooperazzjoni- Trasport (inkluża l-Aeronawtika) RTD	08 07 01	11,14 %
	<b>Subtotal RTD</b>		<b>87,35 %</b>
INFSO	Kooperazzjoni – ICT	09 04 01	5,60 %
	<b>Subtotal INFSO</b>		<b>5,60 %</b>
TREN	Kooperazzjoni - Energy TREN	06 06 01	
TREN	Kooperazzjoni- Trasport (inkluża l-Aeronawtika) TREN	06 06 02	
	<b>Subtotal TREN</b>		
ENTR	Kooperazzjoni – Spazju	02 04 01 01	3,57 %
ENTR	Kooperazzjoni – Sigurtà	02 04 01 02	3,48 %
	<b>Subtotal ENTR</b>		<b>7,05 %</b>
	<b>TOTALI</b>		<b>100,0 %</b>

	<b>Linja</b>	<b>2010-2013 (%)</b>	<b>2010 (€)</b>	<b>2011 (€)</b>	<b>2012 (€)</b>	<b>2013 (€)</b>	<b>Totali (€) 2010-2013</b>
RTD	08 02 01	27,99%	13.960.465	9.883.706	13.087.936	13.087.936	50.020.042
RTD	08 03 01	11,78%	5.877.508	4.161.148	5.510.164	5.510.164	21.058.984
RTD	08 04 01	19,85%	9.899.379	7.008.545	9.280.668	9.280.668	35.469.260
RTD	08 05 01	5,69%	2.838.079	2.009.298	2.660.699	2.660.699	10.168.774
RTD	08 06 01	10,90%	5.435.692	3.848.352	5.095.961	5.095.961	19.475.967

<sup>19</sup> Huwa ssuġġerit li tinholq linja tal-baġit waħda għal din l-inizjattiva mill-2010

RTD	08 07 01	11,14%	5.557.738	3.934.758	5.210.379	5.210.379	19.913.254
	<b>TOTAL</b>	<b>87,35%</b>	<b>43.568.860</b>	<b>30.845.807</b>	<b>40.845.807</b>	<b>40.845.807</b>	<b>156.106.280</b>
INFSO	09 04 01	5,60%		10.000.000			10.000.000
	<b>TOTAL</b>	<b>5,60%</b>		<b>10.000.000</b>			<b>10.000.000</b>
TREN	06 06 01						
TREN	06 06 02						
	<b>TOTAL</b>						
ENTR	02 04 01 01	3,57%	1.673.498	1.568.904	1.568.904	1.568.904	6.380.210
ENTR	02 04 01 02	3,48%	1.632.642	1.530.602	1.530.602	1.530.602	6.224.448
	<b>TOTAL</b>	<b>7,05%</b>	<b>3.306.140</b>	<b>3.099.506</b>	<b>3.099.506</b>	<b>3.099.506</b>	<b>12.604.658</b>
<b>TOTAL (eskl. EFTA)</b>		<b>100%</b>	<b>46.875.000</b>	<b>43.945.313</b>	<b>43.945.313</b>	<b>43.945.313</b>	<b>178.710.938</b>
<b>TOTAL (inkl. EFTA)</b>			<b>48.000.000</b>	<b>45.000.000</b>	<b>45.000.000</b>	<b>45.000.000</b>	<b>183.000.000</b>

### 3.2. Tul tal-azzjoni u tal-impatt finanzjarju:

Il-kontribuzzjoni Komunitarja għall-Programm Konġunt tal-EMRP hija mistennija li tiġi stabbilita permezz ta' kodeċizzjoni mill-Kunsill u l-Parlament f' Mejju 2009 għal perjodu inizjali sal-31 ta' Diċembru 2016. L-impatt finanzjarju tagħha fuq il-baġit tal-UE għandu jiekqaf wara l-2017.

### 3.3. Karatteristiċi baġitarji:

Mill-2010 hija ssuġġerita linja ġdida ta' impenji ta' Ħafna Linji

Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa		Ġdida	Kontribuzzjoni mill-EFTA	Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti	Intestatura fil-prospettiva finanzjarja
Ara fuq	Mhux komp	Diff <sup>20</sup>	IVA	IVA	IVA	Nru [1A]

<sup>20</sup> Approprijazzjoni differenzjata

#### 4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

##### 4.1. Riżorsi finanzjarji

Il-figuri kollha f'din id-dikjarazzjoni huma indikattivi u ppreżentati f'valuri kostanti.

##### 4.1.1. Sommarju tal-appropriazzjonijiet għall-impenji (CA) u tal-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet (PA)

EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Tip ta' Nefqa	Sezzjon nru.		Sena 2009	2010	2011	2012	2013 u wara	Total
---------------	--------------	--	-----------	------	------	------	-------------	-------

##### Nefqa operattiva

Appropriazzjonijiet għall-Impenji (CA)	8.1.	a	17	48	45	45	45	200
Appropriazzjonijiet għall-Ħlasijiet (PA)		b	0	6	21.5	36.5	136	200

##### Infiq amministrattiv fi ħdan l-ammont ta' referenza<sup>21</sup>

Assistenza teknika u amministrattiva (NDA)	8.2.4.	c	0	0	0	0	0	0
--	--------	---	---	---	---	---	---	---

##### AMMONT TOTALI TA' REFERENZA

Appropriazzjonijiet għall-Impenji		a+c	17	48	45	45	45	200
Appropriazzjonijiet għall-Ħlasijiet		b+c	0	6	21.5	36.5	136	200

##### Infiq amministrattiv mhux inkluż fl-ammont ta' referenza<sup>22</sup>

Riżorsi umani u nefqa assoċjata (NDA)	8.2.5.	d	0,117	0,176	0,176	0,176	0,704	1,349
Spejjeż amministrattivi, apparti mir-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	8.2.6.	e	0,007	0,014	0,014	0,044	0,106	0,185

##### Spiża finanzjarja indikattiva totali tal-intervent

<sup>21</sup> Dawn huma n-nefġiet ta' sostenn għall-ispejjeż operattivi tad-DIS tal-EMRP. Dan l-ammont mhux ser jiġi kkunsidrat taħt il-limitu massimu tan-nefġiet amministrattivi tas-Seba' Programm Kwadru (EUR 16-il miljun).

<sup>22</sup> L-ammont ta' referenza huwa l-kontribuzzjoni Komunitarja għall-EMRP.

<b>CA TOTALI fosthom l-ispiża tar-Riżorsi Umani</b>		a+c +d +e	<b>17,124</b>	<b>48,190</b>	<b>45,190</b>	<b>45,220</b>	<b>45,810</b>	<b>201,534</b>
<b>PA TOTALI fosthom l-ispiża tar-Riżorsi Umani</b>		b+c +d +e	<b>0,124</b>	<b>6,190</b>	<b>21,690</b>	<b>36,720</b>	<b>136,810</b>	<b>201,534</b>

## Dettalji tal-kofinanzjament

### (i) Livell tal-programm

Tkun provduta kontribuzzjoni sa EUR 200 miljun, soġġetta għal investiment ta' għall-anqas eur 200 miljun min-naħa tal-Istati parteċipanti għall-perjodu 2009-2016 permezz tal-programmi nazzjonali tagħhom. L-ispejjeż operattivi tal-istruttura dedikata ta' implimentazzjoni (DIS) għandhom livell massimu ta' EUR 6 miljun (4 % tal-ispiża totali) u jkunu pprovduti bħala kontribuzzjoni f'kontanti min-naħa ta' membri ta' EURAMET e.V. li jieħdu sehem fl-EMRP. (ii) Livell tal-proġett

L-allokkazzjoni tal-fondi mill-baġits nazzjonali allokkati u mill-kontribuzzjoni Komunitarja għall-proġetti magħżula tal-EMRP għandha ssegwi l-ordni tal-lista ta' klassifikazzjoni.

Fl-aħħarnett, il-membri tal-EURAMET e.V. li jipparteċipaw fl-EMRP għandhom jikkofinanzjaw dawn il-proġetti, skont il-ftehim li għandu jiġi konkluż bejn id-DIS u l-programmi nazzjonali tal-Istati parteċipanti.

EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Organu ta' kofinanzjament		Sena 2009	2010	2011	2012	2013 u wara	Total
Stati Membri parteċipanti	f	17	48	45	45	45	200
Kontribuzzjoni Komunitarja	a+c	17	48	45	45	45	200
Nefqa amministrattiva	d+e	0,124	0,190	0,190	0,220	0,810	1,534
CA totali inkluż il-kofinanzjament	a+c +d +e +f	34,124	96,190	90,190	90,220	90,810	401,534

### 4.1.2. Kompatibilità mal-Programmazzjoni Finanzjarja

- Il-proposta hija kompatibbli mal-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.
- Il-proposta se tinvolvi ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-prospettiva finanzjarja.

- Il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali<sup>23</sup> (jiġifieri strument ta' flessibilità jew reviżjoni tal-prospettiva finanzjarja).

4.1.3. *Impatt finanzjarju fuq id-Dħul*

- Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul
- Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

EUR miljuni (sa punt deċimali wieħed)

Linja tal-baġit	Dħul	Qabel l-azzjoni [Sena n-1]	Qagħda wara l-azzjoni					
			[Sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5] 24
	a) <i>Dħul f'termini assoluti</i>							
	b) <i>Bidla fid-dħul</i>	Δ						

4.2. **Riżorsi umani FTE (inklużi uffiċjali, persunal temporanju u estern) – ara d-dettall taħt il-punt 8.2.1.**

Rekwiżiti annwali	Sena 2009	2010	2011	2012	2013 u wara
Għaddu totali ta' riżorsi umani					

5. **KARATTERISTIĊI U MIRI**

5.1. **Iridu jintlaħqu fuq perjodu qasir jew fit-tul**

Il-kontribuzzjoni Komunitarja hija meħtieġa għall-istabbiliment u t-tħaddim tal-EMRP, sabiex tippermetti l-kofinanzjament tal-attivitajiet mal-Istati parteċipanti. B'mod partikolari din se tintuża biex tikkofinanzja l-parteċipanti fil-proġetti magħżula tal-EMRP wara s-sejthiet għall-proposti.

<sup>23</sup> Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

<sup>24</sup> Jekk ikun meħtieġ għandhom jiżiedu kolonni addizzjonali, jiġifieri jekk l-azzjoni ddum aktar minn 6 snin

## 5.2. Valur miżjud tal-involvement Komunitarju u koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u sinerġija possibbli

Ir-riċerka dwar il-metroloġija hija ġid pubbliku ta' natura b'saħħitha u hija attività prinċipali ta' sostenn għar-regolazzjoni u l-istandardizzazzjoni mill-gvern. Il-pajjiżi Ewropej qegħdin joperaw il-programmi nazzjonali tagħhom ta' riċerka dwar il-metroloġija (NMRP) f'isolament sħiħ u l-Istati Membri ma kinux kapaċi joħolqu waħidhom EMRP wieħed u tassew integrat.

## 5.3. Miri, riżultati mistennija u indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-Qafas ABM

L-EMRP se jintegra l-programmi nazzjonali ta' tnejn u għoxrin Stat parteċipanti fi programm wieħed konġunt ta' riċerka u jsostni, b'mod partikolari, il-miri tas-Sistemi Nazzjonali Ewropej tal-Kejl. L-EMRP se jaċċellera l-iżvilupp, il-validazzjoni u l-isfruttament ta' metodi ġodda ta' kejl u jsostni l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tad-direttivi u r-regolamenti.

## 5.4. Metodu ta' Implimentazzjoni (indikattiv)

### *Ġestjoni ċentralizzata*

- direttament mill-Kummissjoni
- indirettament b'delegazzjoni lil: Aġenziji eżekuttivi
  - korpi stabbiliti mill-Komunitajiet kif imsemmi fl-art.
  - 185 tar-Regolament Finanzjarju
  - korpi mis-settur pubbliku nazzjonali jew internazzjonali/korpi regolati bid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku u ggarantiti mill-Istati Membri, l-Iżlanda, l-Iżrael, in-Norveġja, l-Iżvizzera u t-Turkija.

## **6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI**

### **6.1. Sistema ta' monitoraġġ**

Ladarba jkun stabbilit, l-EMRP se jiġi mmonitorjat permezz ta' rapporti annwali li għandhom jiġu pprovduti mid-DIS.

### **6.2. Evalwazzjoni**

#### *6.2.1. Evalwazzjoni ex-ante*

L-inizjattiva proposta ġiet indirizzata f'Valutazzjoni tal-Impatt li bħala parti minnha kienet tinkludi evalwazzjoni ex-ante (kif mehmuża mal-faxxiklu).

#### *6.2.2. Miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedja/ex-post (taġħlim miksub minn esperjenzi simili fl-imġhoddi)*

Il-mudell propost ta' tmexxija ġie stabbilit fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba mill-ewwel inizjattiva skont l-Artikolu 169 imwettqa matul is-Sitt Programm Kwadru, jiġifieri l-EDCTP.

#### *6.2.3. Termini u frekwenza tal-evalwazzjonijiet futuri*

Se ssir evalwazzjoni proviżorja u finali tal-EMRP mill-Kummissjoni u se tkopri l-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni, fosthom l-integrazzjoni xjentifika, amministrattiva u finanzjarja tal-EMRP u l-progress lejn il-miri stabbiliti fl-Anness I ta' din il-Proposta.

## **7. MIŻURI KONTRA L-FRODI**

L-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-EMRP jiddikjara li fl-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt, l-Istati parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi regolatorji u amministrattivi jew miżuri oħra neċessarji sabiex iħarsu l-interessi finanzjarji tal-Komunità. B'mod partikolari, l-Istati parteċipanti għandhom jipprovdu garanziji adegwati rigward l-irkupru sħiħ mid-DIS ta' kwalunkwe ammonti dovuti lill-Komunità.

L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-EMRP tiddikjara li l-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri jistgħu, permezz tal-uffiċjali jew l-aġenti tagħhom, iwettqu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet kollha meħtieġa biex jiżguraw ġestjoni korretta tal-fondi tal-Komunità u jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Komunità kontra kwalunkwe frodi jew irregolarità. Għal dan il-għan, l-Istati parteċipanti u/jew id-DIS għandhom, aktar tard, jagħmlu d-dokumenti rilevanti kollha disponibbli għall-Kummissjoni u għall-Qorti tal-Awdituri.

Aktar miżuri kontra l-frodi se jiġu implimentati bħala parti mill-ftehim dettaljat bejn il-Kummissjoni u d-DIS.

## 8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

### 8.1. Miri tal-proposta f'termini tal-ispiża finanzjarja tagħhom

Approprijazzjonijiet għall-impjenji f'EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

(L-intestaturi tal-miri, l-azzjonijiet u l-outputs għandhom jiġu pprovduti)	Tip ta' output	Spiża medja	Sena 2009		Sena 2010		Sena 2011		Sena 2012		Sena 2013 u wara		TOTAL	
			Spiża totali	MIRA OPERATTIVA Nru.1 Stabbiliment u tħaddim tal-Programm Konġunt tal-EMRP	Spiża totali	MIRA OPERATTIVA Nru.1 Stabbiliment u tħaddim tal-Programm Konġunt tal-EMRP	Spiża totali	MIRA OPERATTIVA Nru.1 Stabbiliment u tħaddim tal-Programm Konġunt tal-EMRP	Spiża totali	MIRA OPERATTIVA Nru.1 Stabbiliment u tħaddim tal-Programm Konġunt tal-EMRP	Spiża totali	MIRA OPERATTIVA Nru.1 Stabbiliment u tħaddim tal-Programm Konġunt tal-EMRP	Spiża totali	MIRA OPERATTIVA Nru.1 Stabbiliment u tħaddim tal-Programm Konġunt tal-EMRP
MIRA OPERATTIVA Nru 1 <sup>25</sup> Stabbiliment u operazzjoni tal-Programm Konġunt EMRP														
<b>Azzjoni 1</b>														
- Output (*),(**)	Proġetti R&Z		0	17	6	48	22	45	36	45	116	45	180	200
Subtotal Mira 1			0	17	6	48	22	45	36	45	116	45	180	200
<b>SPIŻA TOTALI</b>			0	17	6	48	22	45	36	45	116	45	180	200

<sup>25</sup>

Kif deskritta taħt Sezzjoni 5.3

(\*) L-ispejjeż amministrattivi tad-DIS, sa limitu massimu ta' EUR 16-il miljun, se jkunu koperti mill-Istati parteċipanti mingħajr ebda kontribuzzjoni mill-Komunità.

(\*\*) Hija maħsuba spiża medja ta' EUR 2 miljuni għal kull proġett tal-EMRP; b'varjazzjoni ta' bejn EUR 1 u 5 miljuni. Ma' kull proġett tal-EMRP tista' tiġi assoċjata għotja għall-eċċellenza tar-riċerkaturi u/jew għotja għall-mobilità tar-riċerkaturi. Il-baġit totali tal-programm ta' EUR 400 miljun huwa stmat li jiffinanzja 180 proġett u għotjiet assoċjati.

## 8.2. Nefqa Amministrattiva

### 8.2.1. Għadd u tip ta' riżorsi umani<sup>26</sup>

Tipi ta' karigi		Persunal li għandu jiġi assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali ( <b>għadd ta' karigi/FTEs</b> )					
		Sena 2007	Sena 2008	Sena 2009	Sena 2010	Sena 2011	Sena 2012
Uffiċjali jew impjegati temporanji <sup>27</sup> (XX 01 01)	A*/AD						
	B*, C*/AST						
Persunal iffinanzjat <sup>28</sup> bl-art. XX 01 02							
Persunal ieħor <sup>29</sup> iffinanzjat bl-art. XX 01 04/05							
<b>TOTAL</b>							

### 8.2.2. Deskrizzjoni tal-kompiti li joħorġu mill-azzjoni

### 8.2.3. Sorsi ta' riżorsi umani (statutorji)

- Karigi attwalment allokatu għall-ġestjoni tal-programm li għandhom jiġu ssostitwiti jew estiżi
- Karigi allokatu minn qabel fi ħdan l-eżerċizzju tal-APS/PDB għas-sena n
- Karigi li għandhom jintalbu fil-proċedura li jmiss tal-APS/PDB
- Karigi li għandhom jiġu skjerati mill-ġdid billi jintużaw riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz amministrattiv (skjerament mill-ġdid intern)
- Karigi meħtieġa għas-sena n għalkemm mhux previsti fl-eżerċizzju APS/PDB tas-sena inkwistjoni

<sup>26</sup> Mhemm ebda uffiċjal tal-Kummissjoni li ser jaħdem għall-EMRP fid-DIS.

<sup>27</sup> L-ispiża tiegħu MHIJEX koperta mill-ammont ta' referenza.

<sup>28</sup> L-ispiża tiegħu MHIJEX koperta mill-ammont ta' referenza.

<sup>29</sup> L-ispiża tiegħu hija koperta mill-ammont ta' referenza.

8.2.4. *Infiq Amministrattiv ieħor inkluż fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva)*

EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

	Sena 2009	Sena 2010	Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013 u wara	TOTAL
<b>1 Assistenza teknika u amministrattiva (fosthom l-ispejjeż relatati fuq il-persunal)</b>	0	0	0	0	0	0
Aġenziji eżekuttivi <sup>30</sup>						
Assistenza teknika u amministrattiva oħra						
- <i>intra muros</i>						
- <i>extra muros</i>						
<b>Assistenza teknika u amministrattiva totali</b>	0	0	0	0	0	0

Ġie ffissat ammont massimu totali ta' EUR 16-il miljun (4% tal-ispiża totali) għall-ispejjeż operattivi tad-DIS u se jkun kopert esklużivament mill-Istati parteċipanti.

**Kalkolu – Spejjeż stmati tal-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni**

L-istima tal-ispejjeż hija bbażata fuq l-estimi pprovduti minn EURAMET e.V. wara l-esperjenzi f'IMERA, ERA-NET u iMERA Plus. L-ispiża totali tinkludi għall-perjodu 2010-2016:

- Il-ġestjoni tal-EMRP: il-manijer tal-programm u l-appoġġ segretarjali/uffiċċju
- L-ispiża fuq id-Disseminazzjoni u l-Komunikazzjoni: avvenimenti, materjal, xandir u stampa, websajt
- Appoġġ, manutenzjoni u liċenzji tal-IT
- L-ivvjaġġar
- L-evalwazzjoni tal-proposta b'esperti indipendenti: Miżati u vvjaġġar tal-esperti

<sup>30</sup> Għandha ssir referenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva speċifika għall-Aġenzija/i Eżekuttiva/i kkonċernata/i.

8.2.5. *Spiża finanzjarja tar-riżorsi umani u spejjeż assoċjati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza*

L-informazzjoni relatata mar-riżorsi umani u mal-infiq amministrattivi mhux inklużi fl-ammont ta' referenza jeħtieġ li titqies bħala riallokazzjoni interna fi ħdan l-appropriazzjonijiet amministrattivi tal-FP7.

EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	Sena 2009	Sena 2010	Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013 u wara
Uffiċjali u impjegati temporanji Linja tal-baġit XXXXXX	0,117	0,176	0,176	0,176	0.704
Persunal ifffinanzjat bl-Art XXXXX (awżiljarji, END, impjegati b'kuntratt, eċċ.) (speċifika l-linja tal-baġit)					
<b>Spiża totali tar-Riżorsi Umani u l-ispejjeż assoċjati (MHUX fl-ammont ta' referenza)</b>	0,117	0,176	0,176	0,176	0.704

**Kalkolu – Uffiċjali u Aġenti Temporanji**

Spiża medja ta' EUR 117,000 għal kull post FTE. Fis-sena 2009, huwa kkunsidrat 1 FTE għall-fażi tan-negozjar tal-kuntratti. Mill-2010 sal-2016, huwa kkunsidrat 1.5 FTE. Kalkolu – Persunal ifffinanzjat taħt l-art. XX 01 02 ...

**Kalkolu – Persunal ifffinanzjat bl-art. XX 01 02**

Huma previsti 1,5 FTE/sena għas-segwitu ta' din l-inizjattiva mis-servizzi tal-Kummissjoni mill-2010 'il quddiem. FTE wieħed (1) huwa meħtieġ għall-fażi tan-negozjar tal-kuntratti, li mistennija tibda fit-tieni nofs tal-2009. Il-kompiti prinċipali se jkunu:

Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-kumitat tal-EMRP u fil-laqgħat tal-Kunsill għar-Riċerka tal-EMRP bħala membru, +/- 3-4 darbiet laqgħat ta' jumejn/sena (Direttur/livell ta' HoU)

Osservatur fl-evalwazzjonijiet tal-proposti tal-EMRP, 2-3 ijiem fis-sena (livell ta' Uffiċjal tal-Proġett)

Parteċipazzjoni f'workshops u avvenimenti ta' disseminazzjoni, 2-3 ijiem fis-sena (livell ta' Uffiċjal tal-Proġett)

Negozjar u Tħejjija tal-ftehim mad-DIS (livell ta' Uffiċjal tal-Proġett + livell ta' Assistent)

Monitoraġġ tal-implimentazzjoni fuq il-bażi tar-rapporti annwali, u koordinament tal-  
evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u finali (livell ta' Uffiċjal tal-Proġett)

Verifika finanzjarja u legali tal-implimentazzjoni tal-EMRP (livell ta' Uffiċjal Finanzjarju)

8.2.6. *Infiq amministrattiv ieħor mhux inkluż fl-ammont ta' referenza*

EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

	Sena 2009	Sena 2010	Sena 2011	Sena 2012		Sena 2013 u wara	TOTAL
08 01 02 11 01 – Missjonijiet	0,007	0,014	0,014	0,014		0,056	0,105
08 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi							
08 01 02 11 03 – Kumitati <sup>31</sup>							
08 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet							
08 01 02 11 05 – Sistemi tal-Infommazzjoni							
<b>2 Total ta' Nfiq Amministrattiv Ieħor (08 01 02 11)</b>	0,007	0,014	0,014	0,014		0,056	0,105
<b>3 Infiq ieħor ta' natura amministrattiva</b>							
Esperti indipendenti għall-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u finali.				0,030		0,050	0,080
<b>Infiq Amministrattiv totali, apparti mir-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (MHUX inkluż fl-ammont ta' referenza)</b>	0,007	0,014	0,014	0,044		0,106	0,185

L-infommazzjoni relatata mar-riżorsi umani u mal-infiq amministrattiv mhux inkluż fl-ammont ta' referenza jeħtieġ li titqies bħala riallokazzjoni interna fi ħdan l-appropriazzjonijiet amministrattivi tal-FP7.

**Kalkolu - Infiq amministrattiv ieħor mhux inkluż fl-ammont ta' referenza**

Missjonijiet: L-ispejjeż huma bbażati fuq spiża medja għall-ivvjaġġar ta' EUR 700 għal kull missjoni flimkien ma' EUR 149,63 ta' konċessjoni kuljum; it-tul medju ta' missjoni huwa 1,5 ġranet; l-għadd u n-natura tal-missjonijiet: 4 missjonijiet fis-sena għal 2 uffiċjali biex jattendu laqgħat tal-EMRP, 3 missjonijiet fis-sena għal uffiċjal wieħed (1) biex jattendi workshops u avvenimenti oħra, 4 missjonijiet fis-sena għal uffiċjal wieħed biex jattendi laqgħa tal-kumitat tal-EMRP (jekk issir xi mkien ieħor mhux fi Brussell). Għall-2009, nofs l-ispejjeż annwali huma preżunti.

Assistenza esterna: Stima tal-ispejjeż għall-appoġġ estern għall-evalwazzjoni proviżorja u finali bi 3 esperti esterni. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu hija stmata għal EUR 30.000 u l-

<sup>31</sup> Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li għalih jappartjeni.

evalwazzjoni finali għal EUR 50.000 (inklużi l-ispejjeż tal-esperti, l-konċessjonijiet ta' kuljum, u l-ivvjaġġar).